NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJU – AWWISSU 2019

Nru 197

## "JISTA' QATT GĦAWDEX JIĊĦAD IL-PATRUN LI KIEN DEJJEM MIEGĦU?"

Il-Kan. Dr Jonathon Farrugia,
Omelija fis-Solennità Festiva
ta' San Ġorġ Martri, 21 ta' Lulju 2019



Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali,Bażilika San Ġorġ,Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

# "Tkunux fietla, imma immiraw għal ħajja ta' qdusija"

F'din il-ħarġa qed inħarsu lura lejn il-mumenti sbieħ li l-komunità parrokkjali tagħna għexet fil-jiem ta' Lulju, jiem li fihom mal-Parroċċa Ġorġjana tingħaqad il-gżira kollha biex tiċċelebra l-Patrun tagħha.

Fil-qoxra ta' quddiem qed inġibu ritratt tal-Bażilika armata għall-Festa, u fuq wara mument mid-dħul tal-istatwa lura fil-knisja dakinhar tal-21 ta' Lulju. Qed nirreferu wkoll għall-omelija li l-Kan. Dr Jonathan Farrugia niseġ b'tant imħabba fil-Pontifikal nhar is-Solennità festiva ta' San Ġorġ. Onorana meta fakkarna bla ma qagħad jomgħodha fl-imħabba antika li l-poplu ta' gżiritna jgħożż lejn San Ġorġ bħala l-Protettur setgħan tiegħu. Sejjaħ boloh lil dawk li jakkużaw lilna l-Insara li niltaqgħu niċċelebraw il-ħajja u r-rebħa ta' qaddis li miet martri għal Kristu. Indirizza lil San Ġorġ, fi kliem l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex fi żmien iż-żewġ Gwerer Dinjija, bħala l-"anġlu difensur" li ġie msejjaħ iħares lill-poplu tagħna. Talabna biex ma nkunux fietla, imma ngħixu ħajja li timmira lejn il-qdusija.

Huma mumenti bħal dawn li jgħinuna nitħeġġu fil-fidi tagħna u nduru lejn il-qaddisin, bħalma hu San Ġorġ, biex jgħinuna nagħtu l-istess xhieda tagħhom. Iħeġġuna wkoll nipparteċipaw fil-mumenti ta' katekeżi dwar il-Patrun tagħna ħalli dejjem aktar nagħrfuh bħala mudell għall-ħajja Nisranija tagħna. Maż-żmien il-Festa libset uċuħ ġodda u nfetħu aktar possibbiltajiet biex kulħadd jista' jersaq lejn il-knisja f'dawn il-jiem u jsib xi jkellmu. Kategoriji ta' etajiet differenti jkollhom attivajiet indirizzati għalihom: ikliet u *get togethers* għall-anzjani; mumenti għal persuni u gruppi ta' nies bi bżonnijiet speċjali; ċelebrazzjoni għall-familji kollha fin-Novena, b'logħob u attivitajiet għat-tfal u l-adolexxenti; laqgħa għaż-żgħażagħ wara l-ħruġ tal-istatwa; u min din is-sena quddiesa tal-vġili lejlet il-Festa ħalli tilħaq lin-nies li għal xi raġuni nharha ma jkunux jistgħu jattendu. Din is-sena anki l-arti pittorika tal-Bażilika riedet tkellimna b'iktar qawwa fuq San Ġorġ, wara r-restawr taż-żewġ Kwadri Laterali tal-Kor! Jonqos biss il-ħeġġa tagħna biex f'dawn iż-żminijiet għeżież tassew niċċelebraw kif jixraq il-Patrun tagħna San Ġorġ.

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

05/05/2019 **Avery** bin Jamie Camilleri u Angelica Suwarno
11/05/2019 **Lilith** bint Andrew Grech u Leak Camilleri De Bono
12/05/2019 **Mikael** bin Justin Borg u Maureen Rapa
18/05/2019 **Enya** bint Albert Cachia u Antoinette Portelli
19/05/2019 **Charlotte** bint Karl Zammit u Roberta Zammit
13/06/2019 **Adam** bin Paul Aquilina u Anna Saliba
15/06/2019 **Lucas Liam** bin Jeffrey Cauchi u Nicholina Borg
16/06/2019 **Soleil** bint Stefan Azzopardi u Christine Tabone
16/06/2019 **Jacques** bin Mario Xerri u Natasha Grech
30/06/2019 **Kate** bint Yosef Magro u Annelise Saliba
30/06/2019 **George Paul** bin Simon Mizzi u Joanna Mercieca
05/07/2019 **Maia** bint Alexander Mathé u Mirjam Debris
10/07/2019 **Elijah** bin Chistan Maclean u Joanne Fenech
11/07/2019 **Ġorġ** bin Joseph Ellis u Simona Vassallo
12/07/2019 **Chanaya** bint Marvic Gafà u Jolene Pace
12/07/2019 **Siarah** bint Marvic Gafà u Jolene Pace
14/07/2019 **Julian** bin Mark Mercieca u Josianne Saliba
29/07/2019 **Liam** bin Svetlana Invorraja
24/08/2019 **Alessia** bint Charlton Debono u Joanna Apap
25/08/2019 **Edward** bin David Camilleri u Isabel Zammit

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

04/05/2019 **Kevin Pisani** u **Lorna Sacco**
11/05/2019 **Mattia Zammit** u **Ylainia Muscat**
01/06/2019 **Anthony Said** u **Maria Gauci**
06/07/2019 **Franklin Cardona** u **Monica Marie Parnis**
31/08/2019 **Frank Tabone** u **Marthese Theuma Scerri**

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

07/08/2019 **Carlo Aquilina**
11/08/2019 **Stella Vella**

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

## MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archprieststgeorge@gmail.com

# Irrestawra l-Knisja tiegħi!

**Irrestawra l-Knisja tiegħi!**
Baqgħet famuża l-frażi li Franġisku ta' Assisi sema' u ħassha bħala l-vokazzjoni tiegħu. Fil-fatt din il-vokazzjoni beda jiskopriha bil-mod. Fil-bidu hu fehem li ried jirrestawra l-Knisja ta' San Damjan f'Assisi li kienet qed taqa' u oħrajn bħalha. Kien biss iktar tard li beda jinduna li l-Mulej riedu jirrestawra l-ewwel nett il-qalb tiegħu ta' żagħżugħ imħawwad. Beda jinduna li l-Knisja ta' Kristu mhix binja ta' erba' ħitan iżda l-komunità Kristjana mifxula f'tant inkwiet u aljenazzjonijiet. Anki l-Papa ta' żmienu, Innoċenzu III, kien ħolom u ra lill-Knisja ta' San Ġwann fil-Lateran qed taqa' u daqsxejn ta' raġel qed iżommha: Franġisku ta' Assisi. Fil-Bażilika ta' Assisi Giotto ħalla pittura meraviljuża ta' din il-ħolma.

**Anki aħna għandna Knisja xi nsewwu**
Dawn l-aħħar xhur kull fejn tħares tara *scaffoldings* jintramaw jew jiżżarmaw. Lanqas il-Bażilika tagħna mhi nieqsa. Intrama u żżarma l-i*scaffolding* tal-koppla minn barra. Il-koppla minn ġewwa ġiet armata u żarmata b'tant ħadid. Il-faċċata mgħottija kollha. Għaddejjin b'xogħol kbir biex it-tempju ta' Alla, il-Bażilika ta' San Ġorġ, tkun miżmuma bid-dinjità li tixirqilha ħalli l-poplu jinġabar jitlob u jidħol fil-misteru tad-Divin. Dan hu dmir tagħna: li nipprovdu lill-bniedem tal-lum spazji ta' paċi fejn is-sbuħija tħeġġeġ għas-Sabiħ. Għalkemm hu veru li Alla jinsab kullimkien, it-taqlib, it-telqa u knisja żdingata jimbuttaw flok iqanqlu. Għalhekk inħoss li għandi nirringrazzja lil dawk kollha li jemmnu bis-sħiħ f'dawn il-proġetti u jagħmluhom possibbli bl-għotjiet ġenerużi. Dan hu att ta' karità lejn kull min jidħol fil-Bażilika tagħna. Biżżejjed nirrakkontalkom esperjenza waħda. Ftit ġimgħat ilu waqaft nitkellem ma' tliet persuni li daħlu waqt mument ta' adorazzjoni u baqgħu mmeraviljati u qajmu ħafna mistoqsijiet dwar ħajjithom: waħda Musulmana, oħra Ortodossa u oħra Kurda ta' nisel Kristjan iżda li ma tipprattikax.

**Ir-Riforma Franġiskana**
Fl-istess ħin hu importanti li aħna tal-qrib neżaminaw b'mod sinċier lilna nfusna biex naraw jekk dan kollu aħniex nagħmluh għall-glorja ta' Alla inkella għall-glorja tagħna nfusna. Hu importanti li neżaminaw lilna nfusna, għax qalbna kapaċi titqarraq ferm. Mingħalina li nkunu naraw ċar, iżda l-viżta tkun imċajpra ferm minħabba l-għadu kardinali tas-suppervja u hekk widnejna jkunu miżduda bla kapaċità li jisimgħu s-sejħa ta' Alla, u minflok inkunu nisimgħu s-sejħa ta' dak li jogħġob lilna. Kapaċi nagħmlu ħafna affarijiet sbieħ f'isem Alla imma minn ta' Alla l-veru ma jkollhom xejn. Kapaċi nibnu imperu sagru imma l-unika raġuni tkun biex inħossu li qed tgħaddi tagħna jew kemm aħna qawwija, intelliġenti u kemm naslu. Kapaċi ngħaddu għomorna fit-tempju imma qalbna tkun pagana u s-sens ta' vojt li nħossu nippruvaw nimlewh billi nużaw għalina l-ħwejjeġ ta' Alla. Franġisku fehem li l-Knisja ta' Kristu taħdem b'mod differenti. Għalkemm hu ħass is-sejħa b'mod ċar, kellu l-umiltà li jistenna l-approvazzjoni tal-Knisja, għax Kristu waqqaf lill-Knisja bħala komunità b'kariżmi u mhux bħala "jien".

**'Scaffoldings' ġodda**
Dan kollu jwassalna biex nistaqsu x'tip ta' *scaffoldings* għandna nibnu għall-komunità tagħna. Bħala Arċipriet ta' din il-parroċċa hi preokkupazzjoni kbira tiegħi kif se nilħqu l-komunità kollha tagħna. Nistaqsi b'liema mezzi nistgħu nkunu qrib tal-qlub li d-duħħan tal-ħajja qed itappanhom. Nistaqsi kif se nkunu iktar qrib ħalli naraw ix-xquq fl-istruttura tal-familji qabel ikun tard wisq. Nistaqsi kif se nibnu komunità ta' nies inqas kurjużi u iktar attenti għall-bżonnijiet ta' ħuthom. Nistaqsi kif se nimtlew bil-ħeġġa lejn l-istudju tal-Kelma ta' Alla li għandha tweġiba għall-vojt li nħossu.

Hu għalhekk li bħala parroċċa rridu nħossuna parti minn Knisja universali għatxana għal Kristu. Irridu nkomplu niskopru liema huma l-allat foloz u min hu Alla l-veru. Barra mis-sbuħija tat-tempju rridu nattiraw bis-sbuħija ta' mħabbitna. Anzi, jekk is-sbuħija ma tidhirx permezz tal-imħabba tagħna, it-tempju jsir mużew kiesaħ u bla ruħ. L-imħabba fis-skiet kapaċi tbiddel ħafna qlub. Il-Patrun tagħna San Ġorġ hu ammirat u meqjum minn tant popli proprju għax jilmħu fih l-imħabba kbira li kellu lejn Kristu. L-imħabba ma taqta' qalbha qatt u minn ħadd. Irridu ngħinu lil xulxin biex il-prijorità tagħna tkun li wara li niltaqgħu ma' Kristu nagħmlu l-ħajja ta' ħaddieħor ftit aħjar filwaqt li nwassluh jiltaqa' ma' Kristu.

**Komunità li tinbena**
Huma diversi l-esperjenzi li permezz tagħhom matul din is-sena nixtiequ li l-komunità tagħna tinbena.

- Nixtieq li l-katekiżmu tat-tfal inkomplu nagħmluh esperjenza ta' ferħ. Hu veru li t-tfal ma jifhmux kollox, iżda l-imħabba għandha l-kapaċità li tiġi trasmessa b'mod iktar profond mill-intelliġenza.
- Matul din is-sena qed naħdmu biex insaħħu l-gruppi tal-adolexxenti 23four u ngħinuhom ikunu iktar miftuħa għal mistoqsijiet serji dwar il-fidi.
- L-għarajjes huma l-familji ta' għada. Permezz tal-kors tagħhom nixtiequ nwassluhom il-messaġġ li l-imħabba għal dejjem hi possibbli, anzi, m'hemmx imħabba li mhix għal dejjem. Nixtiequ niżgurawhom li mhumiex weħidhom, iżda hemm komunità li tixtieq tissapportjahom.
- Lill-familji nixtiequ nlaqqgħuhom ftit iktar profondament mal-Kelma ta' Alla, dak Alla li tahom il-vokazzjoni tagħhom.
- Lill-adulti nixtiequ nagħtuhom l-opportunità li jagħmlu l-mixja tal-10 Kmandamenti, jiġifieri mixja ta' skoperta dwar min hu Alla l-veru u liema huma l-allat foloz li jwiegħdu ħafna u jagħtu ftit li xejn.
- Lill-anzjani nixtiequ nipproponulhom li jkunu attivi fil-parroċċa permezz tal-esperjenza tat-talb ta' sapport għall-pastorali fil-parroċċa. Dan isir kemm permezz tal-jum fil-ġimgħa adorazzjoni u kemm permezz tat-talb u l-offerta tat-tbatija.

**Lejn l-iskoperta tal-imħabba li ssewwi**
Għeżież, ejjew nħarsu 'l quddiem u nkomplu nitħeġġu biex insibu t-teżor ta' ħajjitna li kapaċi jirrestawra lil qalbna mill-feriti, weġgħat, suppervja, elitiżmu. Ejjew inkomplu nikbru bħala komunità billi niskopru l-imħabba vera li wasslet lill-Martri ta' Lidda jqis kollox knis ħdejn l-imħabba ta' Kristu li dehret f'Ġesù. Hu kien lest jagħti ħajtu primarjament mhux għax ħabb ħafna, iżda għax ħassu maħbub ħafna. Ġorġi ħabb ħafna għax skopra li Kristu ħabbu b'mod infinit. Dan hu r-restawr li verament jagħti ħajja u ruħ lit-tempju tal-ġebel u lit-tempju tal-qalb.

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI

## MEJJU - AWWISSU 2019

**1** Għal sena oħra, fl-1 ta' Mejju nżamm nofstanhar seminar għall-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, flimkien mal-ġenituri tagħhom, fl-Iskola Primarja taż-Żebbuġ, li beda b'quddiesa fil-Knisja arċipretali tar-raħal.

**2** Din is-sena l-quddiesa prinċipali tal-Ħamisijiet bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ, li bdew fis-16 ta' Mejju, bdiet issir fit-8.00pm, biex tagħti faċilità jattendu lil dawk li jkunu xogħol. Fi tmiem il-quddiesa l-miġemgħa kienet tingħabar f'mument ta' talb quddiem in-niċċa ta' San Ġorġ.

**3** Fid-19 ta' Mejju kellna x-xorti nilqgħu fostna lil Sr Lux Marie Grech, Missjunarja tal-Karità min-Nadur li fl-aħħar snin kienet qed taqdi lill-iktar foqra fl-Etjopja. Hi kellmet dwar l-esperjenza tal-vokazzjoni tagħha lill-gruppi tal-adolexxenti tagħna.

**4** Iċ-ċelebrazzjoni komuni tal-Kwaranturi Mqaddsa fil-Belt Victoria, il-Ħadd 2 ta' Ġunju, fetħet b'Pontifikal minn Mons. Isqof fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Imbagħad il-purċissjoni Ewkaristika ntemmet bil-Barka Sagramentali fil-Katidral.

**5** Wara l-quddiesa tas-7.00pm tal-Ħadd 16 ta' Ġunju, l-Arċipriet Joseph Curmi qasam kejk fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju presbiterali tiegħu, ta' Dun Richard N. Farrugia u ta' Dun Anthony Bajada li ġew jikkonċelebraw miegħu.

**6** Il-komunità parrokkjali Ġorġjana għamlet Pellegrinaġġ tas-Sena Marjana bil-mixi lejn is-Santwarju Ta' Pinu, bil-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu meqjum fil-Bażilika tagħna, nhar il-21 ta' Ġunju, lejlet il-Festa tas-Sejħa.

**7** Wara l-quddies tan-Novena ta' San Ġorġ, bejn is-6 u l-14 ta' Lulju, it-tfal kellhom mumenti ta' rikreazzjoni u divertiment għalihom fi Pjazza San Ġorġ u l-madwar, bħal dawra bit-trejn, *scavenger hunt*, kwiżż dwar il-Patrun tagħna, *pancake night*, logħob, wiri ta' film, u oħrajn.

**8** Fit-13 ta' Lulju, is-Soċjetà La Stella tellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja fi Pjazza San Ġorġ, fl-okkażjoni tal-125 anniversarju tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, xogħol Vincenzo Cremona, l-ewwel statwa titulari għall-festi ta' barra f'Għawdex.

**9** Għall-Pontifikal ta' San Ġorġ, il-Ħadd 21 ta' Lulju, attenda għall-ewwel darba fil-kariga ta' President ta' Malta l-E.T. Dr George Vella.

**10** L-abbatini flimkien mal-Arċipriet u xi ġenituri kellhom mawra għalihom f'Ruma u postijiet oħra fl-Italja bejn it-23 u s-26 ta' Lulju. Huma żaru wkoll Assisi.

**11** Il-*camping* għall-gruppi tal-adolexxenti tal-Forms 3 u 4 inżamm f'Għajn Tuffieħa Camp Site fl-ewwel erbat ijiem ta' Awwissu.

**12** Fl-okkażjoni tal-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex wara li ġie kkonsagrat Isqof tal-Prelatura territorjali ġdida ta' Santiago Apóstol de Huancané fil-Perù, Mons. Giovanni Cefai MSSP mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika Ġorġjana, fl-14 ta' Awwissu, lejlet is-Solennità ta' Marija Mtellgħa s-Sema.


1


2


3


4


5


7


9


6


10


11


8


12

# L-esperjenza tiegħi fil-Vatikan

Karl Curmi

Ix-xahar ta' Awwissu kien verament speċjali mhux biss għalija, iżda għal xi abbatini minn madwar Malta u Għawdex li din is-sena messitna x-xorti li naqdu fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma.

L-esperjenza tiegħi taf il-bidu tagħha f'Novembru tas-sena l-oħra, dakinhar tal-eżami. Kemm fraħt flimkien mal-familja tiegħi meta sirna nafu illi x-xewqa tiegħi li nkun abbati fil-Vatikan kienet ser isseħħ! Wara bosta laqgħat ta' preparazzjoni u tħejjija fis-Seminarju Maġġuri, il-ġurnata kienet waslet. Fit-13 ta' Awwissu 2019 kont fuq titjira diretta lejn Ruma, minn fejn erħejnielha lejn il-Belt tal-Vatikan. Għal ġimagħtejn sħaħ qgħadna fil-Preseminarju San Piju X, maġenb ir-Residenza ta' Santa Marta fejn joqgħod il-Papa Franġisku.



Jingħata l-faxxa mill-Isqof Lanzani fil-Vestizzjoni.
*Ritratt: L'Osservatore Romano*

L-ewwel ġurnata kienet impenjattiva ferm. Dun Frans Bonnici, id-Direttur tal-Abbatini, flimkien ma' Dun Mark Ellul, dawruna mal-Bażilika u qalulna bir-rwoli li kien ser ikollna nwettqu. Ir-rutina kienet bażika ħafna; il-qawmien tagħna kien fil-5.30am, nitolbu flimkien, nilbsu, u siegħa wara nkunu fis-sagristija. Uħud kienu joħorġu fil-Bażilika jixegħlu l-altari, oħrajn jippreparaw il-kalċijiet, filwaqt illi l-abbatini l-oħrajn kienu jistennew lill-qassisin bl-impollozzi f'idejhom għaċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Mat-tokki tas-7.00am, is-Sanpietrino (sagristan) kien jiftaħ il-bieb u jibdew deħlin is-saċerdoti minn ħafna pajjiżi differenti. Uħud minna konna dejjem inkunu pronti illi ngħinuhom jilbsu, u abbatini oħrajn kienu joħorġu jgħinu l-qassis waqt il-quddiesa fuq id-diversi altari li wieħed isib fil-Bażilika. Nhar ta' Ħadd, intant, u fis-Solennità tal-Imqaddsa Marija Mtellgħa s-Sema, konna nkunu preżenti għal-Lawdi, il-Quddiesa Konventwali u l-Għasar waranofsinhar.



Iżda din il-btala serviet ukoll bħala mawra lejn siti ta' interess kbir, fosthom San Giovanni in Laterano – il-Katidral ta' Ruma, San Paolo Fuori le Mura, il-Kolossew, il-Fontana di Trevi, il-Pantheon, bosta pjazez kolossali, u ħafna iktar. Iddedikajna ġurnata wkoll għal Assisi, il-Belt tal-Paċi. Kellna l-opportunità wkoll illi nkunu preżenti għal logħba futbol fil-grawnd nazzjonali Taljan, l-iStadio Olimpico. Fit-tieni ġimgħa hemmhekk waslu l-familjari tagħna sabiex ukoll ikunu preżenti għall-Vestizzjoni bil-faxxa l-ħamra nhar it-22 ta' Awwissu, mill-E.T. Mons. Vittorio Lanzani, Delegat tal-Vatikan. Iżda ma nistax ma nsemmix il-laqgħa privata mal-Q.T. il-Papa Franġisku, fejn huwa ħa b'idejn kull wieħed minna u anki ħadna ritratt tal-okkażjoni miegħu.

Din kienet vaganza illi verament ser nibqa' ngħożż tul ħajti kollha. Ma jiena ser ninsieha qatt. Nista' ngħid illi l-ħolma tiegħi saret realtà.



Ritratt tal-okkażjoni fi tmiem il-Vestizzjoni.
*Ritratt: L'Osservatore Romano*



Mal-Papa Franġisku qrib il-Preseminarju San Piju X. Fir-ritratt jidher ukoll Patri George Attard OFMCONV, mill-parroċċa tagħna, li hu konfessur fil-Penitenzerija tal-Vatikan.

# Esperjenza pastorali fis-Sena Propedewtika fil-Parroċċa ta' San Ġorġ

Is-seminarista Anthony Joe Borg

Nhar is-Sibt 20 ta' Ottubru 2018 jiena bdejt is-sena pastorali tiegħi fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, sena li fiha żgur irċevejt bosta valuri u esperjenzi sbieħ li ser nibqa' nġorrhom matul ħajti. Meta d-Direttur tas-Sena Propedewtika qalli li matul is-sena l-ġdida kont ser inkun qed inservi fil-parroċċa tagħkom, fraħt ħafna. Dan għaliex kont naf li f'din il-parroċċa nista' nieħu esperjenza sabiħa f'ħafna oqsma pastorali, speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tfal u l-adolexxenti.



Matul din is-sena kelli x-xorti li nidħol f'diversi esperjenzi li toffri l-parroċċa. L-aktar xogħol li jiena kelli x'nagħmel kien mal-grupp tal-abbatini. Din żgur kienet esperjenza sabiħa ħafna. Ta' kull nhar ta' Sibt fis-7.30pm kien ikollna l-laqgħa. Il-laqgħat kienu jikkonsistu f'tagħlim fuq is-servizz, ix-xogħol tal-abbati fil-knisja, l-ispjega ta' kull parti tal-quddiesa, ħajjiet tal-qaddisin, u wkoll preparamenti għall-festi tal-Milied u tal-Għid il-Kbir. Imma kellna wkoll tliet esperjenzi speċjali. L-ewwel waħda kienet dik taż-żjara tal-awguri tal-Milied lill-parruċċani anzjani u dawk li qegħdin waħidhom. Din l-attività, li saret nhar il-Milied filgħodu, kienet opportunità sabiex l-abbatini għal jum tal-Milied ibiddlu s-servizz tagħhom, u minflok iferrħu lin-nies minn fuq l-altar, imorru jferrħu lin-nies fid-djar tagħhom, speċjalment dawk li ma kinux jistgħu joħorġu mid-djar tagħhom. Kienet esperjenza differenti fejn żgur li aħna kollha li konna involuti fiha stajna ngħixu Milied differenti imma mill-isbaħ. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tal-abbatini u l-voluntiera tal-parroċċa li għenu f'din l-attività. Imma din l-attività ma waqfitx hemm, għax flimkien mal-ġenituri, il-familjari tal-abbatini u l-voluntiera tal-parroċċa, lil dawn l-istess nies li morna nżuruhom f'jum il-Milied stedinniehom għal ikla flimkien li saret il-Ħadd 30 ta' Diċembru. Esperjenza oħra sabiħa kienet in-nofstanhar irtir tar-Randan li sar minn Fra Etienne Gilson OFMCONV, kif ukoll l-Ikla tal-Lhud. Dawn żgur kienu mumenti li ppreparawna għaż-żmien sabiħ tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir. Esperjenza oħra sabiħa kienet dik tas-safar, fejn wara l-Festa qattajna ħamest ijiem flimkien fil-Belt ta' Ruma mal-abbatini flimkien mal-ġenituri u l-Arċipriet. Matul din l-esperjenza dorna madwar Ruma imma wkoll sirna nafu aktar lil xulxin.

Esperjenza oħra sabiħa fil-Parroċċa ta' San Ġorġ kienet dik mal-Grupp 23four. Din kienet esperjenza importanti ħafna għalija għax stajt nara u nipparteċipa fil-pastorali li l-parroċċa toffri għall-adolexxenti, speċjalment dawk tal-Form 2 li kont nattendi għal-laqgħat tagħhom ta' kull nhar ta' Sibt. Fix-xahar ta' Ġunju kelli l-opportunità wkoll li nattendi għal-laqgħat tal-Forms 3 u 4 u tas-16+. Matul is-sena kont involut ukoll f'bosta attivitajiet li joffri dan il-grupp, bħal-*live-in* fir-Randan, ħarġiet lejn Malta, *camping* u wkoll attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Inħoss li din ukoll hija esperjenza li ser nibqa' nġorr miegħi, għax fiha kelli ċans niltaqa' u nimxi fil-formazzjoni flimkien mal-grupp sabiħ tal-adolexxenti.

Matul is-sena darba fix-xahar kelli ċ-ċans li nattendi għal-laqgħat tal-familji li kienu jsiru kull l-ewwel Sibt. Hawnhekk kelli ċ-ċans li nesperjenza dan il-kors ta' formazzjoni mmexxi minn Dun Richard N. Farrugia dwar il-familja u l-fidi tagħna.

Esperjenza sabiħa oħra li jiena stajt ngħix kienet dik tal-Quddiesa tal-Ħadd tal-10.00am, fejn kelli l-opportunità li nattendi u anki aktar 'il quddiem immexxi l-ispjega tal-Vanġelu tal-Ħadd għat-tfal. Din kienet esperjenza sabiħa ħafna, għax permezz tagħha stajt niltaqa' mat-tfal tal-parroċċa u flimkien għamilna mixja ta' formazzjoni.

Mumenti sbieħ oħra li kelli ċ-ċans li ngħix mal-komunità kienu żmien il-Milied u dak tal-Għid, fejn jiena kelli ċans niċċelebra magħkom il-funzjonijiet tant sbieħ li jsiru fil-Bażilika. Mument ieħor kien ovvjament waqt il-ġranet tal-Festa titulari u tal-Patrun ta' Għawdex San Ġorġ Megolamartri.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Arċipriet Joseph Curmi talli laqagħni u tani l-għajnuna kollha li kelli bżonn. Nirringrazzja wkoll lill-gruppi kollha li matul din is-sena lqajtuni fostkom bħala wieħed minnkom, lill-voluntiera u l-leaders, u lis-saċerdoti kollha tal-parroċċa tal-għajnuna li sibt mingħandkom, speċjalment fl-attivitajiet li għamilna. U fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-komunità parrokkjali kollha talli laqgħetni b'idejha miftuħa. Inwegħedkom it-talb tiegħi u nitlobkom ma tinsewnix, speċjalment fit-talb tagħkom. Grazzi mill-qalb u Viva San Ġorġ!





*Mill-Arkivju tal-Parroċċa (2)*

# Kartolini mill-passat

Toni Farrugia




Bħala l-appuntament tiegħi mal-qarrejja ta' din ir-rivista, qiegħed nippubblika għażla minn tmintax-il kartolina qadima li għandna fl-albums tar-ritratti.

Erba' minn dawn il-kartolini huma bit-Taljan, u allura nassumi li kienu stampati qabel it-Tieni Gwerra Dinjija fis-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor. Tnejn minn dawn l-erbgħa huma bil-kulur, (ara l-aħħar paġna). Dak iż-żmien il-fotografija bil-kulur kienet ineżistenti, jew kienet għadha fil-bidu tagħha. Sabiex isir ritratt bil-kulur dan kien jinżebagħ bl-idejn permezz ta' *cotton buds* (proċess li niftakru sew isir fi tfuliti f'ritratti tal-Preċett, Griżma jew tieġ).

Il-kartolina nru 4 kien bagħatha Dun Anton Grech Vella, li tant ħabrek sabiex fil-Bażilika tagħna jsiru l-opri li għadna ngawduhom, lil ċertu Joe, fejn talbu "kemxa dollars, mhux iżjed minn 30, linqas anqas minn 20 dollars" għall-ispejjeż tal-pilastri.

Il-kartolina nru 10 turi l-faċċata tal-Bażilika mixgħula bid-dawl elettriku. Skont il-kronaka li għandna tal-istess Dun Anton Grech Vella, f'Diċembru 1951 ġie deċiż li jkun installat id-dawl elettriku fin-navi, fil-kappelluni u fil-kappelli. Skont l-istess kronaka, fl-10 ta' Novembru 1953 beda x-xogħol ta' installazzjoni ta' sistema tal-elettriku *three phase*. Skont Dun Anton, kellhom jintgħelbu ħafna intoppi u problemi sabiex dawn iż-żewġ opri setgħu jseħħu.

Bħala informazzjoni ta' interess ġenerali, inżid ngħid li d-dawl elettriku daħal f'Għawdex fl-1 ta' Awwissu 1926 meta ġiet inawgurata *power station* li kienet fejn illum hemm l-uffiċini tal-Jobsplus. F'dak il-perjodu d-dawl kien ipprovdut biss wara li jidlam u f'xi okkażjonijiet binhar. Fl-1951 sar *upgrade* f'din il-*power station* li b'riżultat tiegħu d-dawl kien introdott f'xi rħula oħra sal-1953. Il-*power station* ingħalqet f'Jannar 1959 meta tpoġġew żewġ *submarine cables* mill-Marfa għal Kemmuna u minn Kemmuna għal Għawdex.























**KJARIFIKA**

Fl-artiklu tiegħi fil-ħarġa preċedenti dwar il-kuntratti li saru sabiex inbniet in-nava tal-punent, kont stqarrejt li m'iniex ċert jekk il-kuntratti humiex kollha relatati ma' dan il-bini tan-nava. Dan kont għidtu għax ma kontx naf fejn kienu d-djar imsemmija fl-ewwel kuntratt, jiġifieri d-dar nru 1-2-3 u d-dar nru 4-5-6. Kif irċivejt il-kopja tiegħi tar-rivista, skoprejt l-Amerika għax irrealizzajt li dawn iż-żewġt idjar huma dawk li huma mmarkati bi vleġġa. Allura kienet tajba s-suppożizzjoni tiegħi li d-djar bin-numri 1 sa 6 kienu man-naħa ta' fejn illum hemm il-ħanut tal-laħam tal-Kejken, u d-djar bin-numri minn 99 sa 102 kienu man-naħa ta' fejn illum hemm il-ħanut tal-laħam tal-Manann.



# "Lil San Ġorġ Mimmi t'Għajnejna"

Fil-Festa ta' San Ġorġ ta' Lulju 2019 iżżanżan innu reliġjuż ġdid lill-Patrun tagħna li jġib l-isem *Lil San Ġorġ Mimmi t'Għajnejna***,** lirika tas-saċerdot Ġorġjan Dun Geoffrey George Attard u kompożizzjoni ta' George Camilleri, bandist tas-Soċjetà Filarmonika La Stella. Dan issa qed jiżdied mal-ġabra sabiħa ta' innijiet li għandha l-Parroċċa Ġorġjana f'ġieħ il-qaddis titular tagħha. Barra l-kliem u n-noti tal-innu, qed inġibu hawn xi kummenti tal-awtur u l-kompożitur.

L-innu *Lil San Ġorġ Martri Mimmi t'Għajnejna* li ndaqq għall-ewwel darba nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 2019, waqt il-quddiesa tal-11.00am fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, għandu storja ħelwa warajh. Kien waqt attività fuq il-bejt tal-Mużew Il-Ħaġar għall-bidu tal-ħarifa 2018 meta, waqt diskursata informali dwar l-arti ma' George Camilleri, hu esprima x-xewqa li jien nikteb innu f'ġieħ San Ġorġ Martri sabiex ikun jista' jimmużikah u hekk iħaddem hu wkoll it-talent tiegħu f'qasam li hu tant għal qalbu. F'Jannar 2019 bdejt naħdem fuqu u nhar il-11 ta' Jannar temmejt ix-xogħol tiegħi. L-isfida ewlenija għalija f'biċċa xogħol bħal din tkun, u fil-fatt kienet, li rrid noqgħod attent biex ma niktibx poeżija, imma innu; mela l-ispirtu ta' min jaqrah u jisimgħu jrid iqarrbu lejn Alla l-Imbierek! Kif ħlistu, għaddejtu lil George, u f'Ġunju 2019 irċivejt telefonata mingħandu biex jgħidli li kien wasal fit-tmiem tal-kompożizzjoni mużikali. Hekk kif smajtu, għalkemm m'iniex imħarreġ fil-qasam mużikali, intbaħt li kont qed nisma' biċċa xogħol f'linja tassew klassika. Aktar minn hekk ma nistax ngħid, għajr li nittama li jintgħoġob u li l-poplu tagħna jitgħallmu ħalli dan l-innu-talba jidħol fit-tradizzjoni tal-innijiet Ġorġjani ta' qablu. Dwar it-titlu, nistqarr li ma stajtx insib wieħed aktar intimu minn dan; jalla s-sentimenti li jqanqal f'dawk li jisimgħuh u jkantawh ikunu tassew sentimenti għolja li jirriflettu l-imħabba ta' poplu lejn il-qaddis patrun tiegħu. Inħossni kuntent b'dan



l-innu aktar u aktar meta niftakar li dan tiegħi u ta' George huwa joint effort bejn żewġ kuġini li mħabbitna lejn San Ġorġ hija waħda mill-kwalitajiet komuni li jixdhu dak li aħna, dak li nħobbu, u dak li ngħożżu bħala tassew il-mimmi t'għajnejna. San Ġorġ Martri, itlob għalina!

**Dun Geoffrey George Attard, l-awtur**

-------------

Ma nkunx qiegħed nigdeb jekk ngħid li minn età żgħira u minn kemm ili nagħmel parti mis-Soċjetà Filarmonika La Stella, f'moħħi dejjem berren il-ħsieb u x-xewqa kbira li xi darba nikteb innu lil San Ġorġ.

Ġara li għall-aħħar tas-sajf tal-2018, waqt ikla bejn il-ħbieb, tkellimt ma' Dun Geoffrey George Attard u qsamt miegħu dan il-ħsieb fejn urejtu x-xewqa tiegħi u tlabtu jekk jaċċettax li jiktibli l-lirika huwa stess. Bi pjaċir ngħid li Dun Geoffrey ħa gost immens u mill-ewwel bi pjaċir laqa' x-xewqa tiegħi. Ftit taż-żmien wara, għall-ħabta ta' Frar 2019, huwa tani l-lirika sabiex jien nibda nikkomponi fuqha. Ikolli ngħid li mal-ewwel daqqa t'għajn ħassejt li dan kien se jkun innu verament ħiereġ mill-qalb, għall-fatt li jien u Dun Geoffrey (sekondi kuġini) Ġorġjani minn twelidna, u l-kliem ta' dan l-innu huwa preċiżament dak li aħna nħossu lejn San Ġorġ "il-mimmi t'għajnejna". Naturalment il-lirika iffaċilitatli x-xogħol f'dik li hija kompożizzjoni, mibnija fuq versi tat-tmienja, versi sempliċi u b'rima mill-isbaħ f'forma ta' talba, kif addattati għal innu reliġjuż, u allura ma kienx diffiċli sabiex fi ftit żmien noħloq il-melodija tiegħu. Inħossni kuntent ħafna b'dan l-innu, li huwa l-ewwel wieħed tiegħi u għaldaqstant huwa verament għal qalbi.

Dan l-innu ndaqq għall-ewwel darba fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 2019 waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr f'għeluq l-erbgħin sena mill-ewwel quddiesa ta' Patri Peter Paul Cachia OSA, u tkanta mill-Kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Fil-preżent qed naħdem fuq żewġ verżjonijiet ta' dan l-innu, verżjoni



sabiex tindaqq mill-orkestra u oħra biex tindaqq mill-banda. L-iskop prinċipali tiegħi huwa li dan l-innu jinżamm bħala parti mir-repertorju mużikali tal-Festa tagħna, għaliex l-istil li tajtu huwa wieħed li tassew jixraq lil dan il-kbir qaddis tagħna San Ġorġ Martri.

**George Camilleri, il-kompożitur**



## Innu "Lil San Ġorġ Mimmi t'Għajnejna"

O Glorjuż Martri ta' Lidda,
xhud qalbieni tat-twemmin,
lejk induru fit-talb tagħna
biex tmexxina tul is-snin.

Kif fl-imgħoddi sejjaħnielek
biex tissielet int għalina,
hekk illum f'riġlejk ninxteħtu:
faraġ fittex li tagħtina.

*Sliem għalik, mimmi t'għajnejna,*
*t'Għawdex tagħna glorja, unur,*
*fittex berraħ qawwet driegħek*
*biex tal-fidi ngħożżu l-fjur.*

Sa mill-ibgħad żmien ta' ġensna
fieres tagħna fis-smewwiet –
rawk rebbieħ missirijietna
fuq il-qerq tad-dlamijiet…

għax kull meta Ismek tlissen
qalb it-talb tal-ħerqanin
tkebbset f'qalbna xrara mqaddsa,
lilna wrejt wiċċek ħanin.

*Sliem għalik…*

**Lirika**: Dun Geoffrey George Attard
**Mużika**: George Camilleri
11 ta' Jannar 2019



# "Imħabba dejjiema"

Riċensjoni ta' Dun Geoffrey G. Attard

Ġorġ Grech ocso, *Imħabba dejjiema*, Għawdex 2019, 72 paġna



Disinn bil-lapes tal-artist Federico Foglietti

Mhijiex ħaġa komuni u lanqas mistennija li membru tal-komunità tal-Monaċi Ċisterċensi tar-Riforma, magħrufin komunement bħala Trappisti, jagħtina ktieb ta' poeżija u proża ispirati minn qaddis martri. Imma dan hu li jikkostitwixxi l-pubblikazzjoni pulita bl-isem *Imħabba dejjiema* maħruġa din is-sena minn dan l-istess monaku Għawdxi li għal dawn l-aħħar wieħed u tletin sena jifforma parti mill-komunità monaka tal-Abbazija tas-Santissmu Sagrament fi Frattocchie, qrib Ruma fl-Italja.

Ktieb imżewwaq b'diversi ritratti u mimli poeżiji u innijiet reliġjużi kif ukoll siltiet ta' proża lawdatorja b'tifħir lill-qaddis martri San Ġorġ, wieħed mill-qaddisin patruni tal-gżejjer Maltin. Din hija l-ewwel biċċa xogħol letterarja li qed jagħtina dan il-monaku kontemplattiv, u fil-versi tal-ktieb wieħed iħoss il-lehma poetika tal-awtur daqskemm ir-riflessjonijiet kontemplattivi li joħorġu mir-ruħ tal-kittieb. Bħal donnu l-awtur għandu skop wieħed: li jurina l-imħabba tal-ġenn li ħakmet lil qalbu quddiem ix-xbieha ta' dan il-qaddis martri tal-era bikrija Nisranija. Ix-xogħlijiet fil-ktieb huma frott ħidma letterarja mifruxa mill-inqas fuq dawn l-aħħar għaxar snin. Il-ktieb huwa ddedikat lil missier l-awtur li jidher li mingħandu wiret l-imħabba lejn il-qaddis, li l-qabar tiegħu jinsab meqjum f'Lidda, fil-punent ta' Ġerusalemm.

*Imħabba dejjiema* huwa ktieb uniku għax huwa xogħol ta' reliġjuż li l-ħajja tiegħu hija mfassla fuq ir-regola Benedittina, ħajja ta' talb, ħidma u kontemplazzjoni 'l bogħod mill-għagħa tad-dinja, imma mhux maqtugħa mir-realtà l-kbira li fiha aħna lkoll naħdmu, nikbru u ngħixu.

Bħala parti mis-serje ta' proġetti strutturali ta' restawr u konservazzjoni li għaddejjin bħalissa fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, fl-ewwel nofs tas-sena 2019 sar ir-restawr fuq żewġ opri imprezzabbli tal-Bażilika Ġorġjana li kienu ilhom fi ħtieġa kbira: il-Kwadri Laterali tal-Kor li jirrappreżentaw żewġ mumenti mill-Passio ta' San Ġorġ, maħduma minn Francesco V. Zahra fl-1763, flimkien mal-gwarniċi rispettivi tagħhom. Ir-restawr sar mid-Ditta Atelier del Restauro taħt is-sorveljanza artistika ta' Dr Mark Sagona, b'fondi Ewropej miksuba bl-għajnuna tal-Assoċjazzjoni Kura tad-Djoċesi ta' Għawdex u mhux b'inqas bl-appoġġ finanzjarju ta' bosta parruċċani. Fil-paġni li ġejjin qed nippubblikaw tagħrif dwar dawn il-kwadri kif ukoll it-test tal-interventi li saru dakinhar tal-inawgurazzjoni, il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019.

# Diskors fl-Inawgurazzjoni tal-Proġett ta' Restawr u Konservazzjoni tal-Kwadri laterali tal-Kor tal-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex, xogħol ta' Francesco Vincenzo Zahra

Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019, Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

Dr Mark Sagona

Għażiż Arċipriet, membri tal-Kapitlu u l-Kleru, mistednin distinti, intom hawn preżenti, insellmilkom.

Huwa ta' unur u privileġġ għalija naqsam magħkom ftit ħsibijiet fuq l-okkażjoni tal-lejla, fejn dalwaqt se ninawguraw il-proġett ta' restawr u konservazzjoni fuq żewġ kapulavuri tal-arti f'Malta tas-seklu tmintax, kif ukoll tal-gwarniċi dekorattivi tagħhom, li għandhom preġju daqs il-pitturi nfushom. Dawn iż-żewġ pitturi importanti nħolqu eżattament fl-1763 mill-aqwa artist Malti ta' dak iż-żmien: Francesco Zahra (1710-1773). It-tnejn juru s-*Settecento* Malti fl-aqwa tiegħu.

Jien kelli l-privileġġ li, bħala *Project Manager* ingaġġat mill-Kurja ta' Għawdex fuq dan il-proġett, insegwi mill-qrib ħafna l-progress tal-proċess ta' konservazzjoni. Dawn il-kwadri ma tantx setgħu jitgawdew fl-istat li fih kienu, iżda issa nistgħu naraw b'mod ċar l-importanza artistika tagħhom. Issa, wara li tneħħew l-istrati ta' ħmieġ, nugrufun u verniċi qodma, inkixef il-ġenju kollu ta' dan l-artist importanti. Il-kuluri xegħlu, id-daqqiet tal-pinzell inkixfu, is-sbuħija tal-panneġġi reġgħet ħarġet. Fuq dan, u fuq il-proċess xjentifiku, jitkellmu warajja r-restawraturi.

Dawn iż-żewġ kwadri, li juru lil *San Ġorġ quddiem l-Imperatur Djoklezjanu* u l-*Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ*, ġew impittra fil-maturità tal-artist, fil-perjodu li fih laħaq il-quċċata tal-karriera tiegħu, u jistgħu jitqabblu ma' wħud mill-aqwa kapulavuri tiegħu, bħal ngħidu aħna d-dekorazzjoni tal-Awla Kapitulari tal-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina tal-1756, jew, eżempju ieħor, it-titular tal-Bażilika ta' Santa Elena f'Birkirkara li jġib l-istess sena tal-1763. Juru artist qawwi, kunfidenti, li jpinġi b'ċertezza u freskezza impressjonanti. Wieħed jista' jammira wkoll ċerta rapidità fil-mod kif iż-żebgħa tiġi applikata fuq it-tila, kif l-artist iqassam il-kompożizzjoni tiegħu u kif itella' l-forom. Il-manjiera ta' Zahra mhijiex waħda dettaljata, imma waħda mexxejja b'impronta friska. Dan huwa ż-żmien li fih Francesco Zahra laħaq livell internazzjonali u dawn ix-xogħlijiet jistgħu jitqabblu ma' wħud mill-aqwa artisti Ewropej ta' żmienu, bħal ngħidu aħna Francesco Solimena (1657-1747) u Sebastiano Conca (1680-1764).

F'dan il-perjodu ta' maturità Francesco Zahra kien ħalla warajh kompletament id-dipendenza estetika tiegħu fuq Gio Nicola Buhagiar (1698-1752), l-għalliem tiegħu u l-aktar artist Malti importanti tal-ewwel nofs tas-seklu tmintax, u kien ġie taħt l-influwenza tal-artist Franċiż Antoine Favray li kien ġie Malta fl-1744. Ix-xogħlijiet ta' Zahra saru aktar kontrollati. Fis-snin ħamsin, Zahra wkoll beda jagħraf aħjar il-forom ta' Mattia Preti (1613-1699) u l-figuri tiegħu jsiru aktar monumentali. Fil-*Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ* din l-influwenza hija aktar aċċentwata u m'hemmx dubju li fil-kummissjoni tiegħu Zahra ħa f'kunsiderazzjoni li ż-żewġ kwadri kienu se jiddendlu fil-viċin tat-titular ta' Preti. *San Ġorġ quddiem l-Imperatur Djoklezjanu* huwa, madankollu, kwadru superjuri, u fih naraw lil Zahra jikkomponi b'maestrija kbira u jagħti lill-figuri tiegħu eleganza stupenda. Huwa kwadru li jħares 'il quddiem lejn iċ-ċiklu ta' kwadri li Zahra pinġa ftit żmien wara għall-Parroċċa taż-Żejtun u li issa wkoll dalwaqt se jiġu rrestawrati.

Tajjeb li wieħed jgħid li Zahra beda l-karriera tiegħu bħala artist pjuttost medjokri. Imma kien imżejjen b'talent



biżżejjed biex matul iż-żmien għaraf jassorbi ideat ġodda u mmatura f'artist brillanti, f'artist li ftit rat bħalu Malta. Zahra, imwieled l-Isla, kien it-tifel tal-iskultur rinomat Pietro Paolo Zahra (1685-1747), miżżewweġ fil-Familja Casanova. Omm Francesco kienet it-tifla tal-iskultur u arkitett Vincenzo Casanova. Francesco beda l-karriera tiegħu bħala skultur fil-bottega ta' missieru u minn hemm mexa għal taħt idejn Gio Nicola Buhagiar li kellu influwenza kbira fuq il-formazzjoni ta' Francesco. B'xorti ħażina, Zahra qatt ma ħareġ barra minn Malta u għal żmien twil baqa' dipendenti ħafna fuq is-soluzzjonijiet artistiċi ta' Buhagiar, li għalkemm ġieli pproduċa xogħol tajjeb, kien ġeneralment artist dgħajjef.

Zahra kien għamel isem partikularment għal dawn il-kompożizzjonijiet kbar biex jiġu ddekorati l-ħitan laterali tal-korijiet tal-knejjes. Dawk tal-bidu, bħall-kwadri fil-Knejjes parrokkjali tal-Isla u taż-Żejtun, mhumiex impressjonanti, imma l-ħila tal-artist hija ċara ħafna fil-Kwadri laterali fil-Kor tal-Knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ u f'dik tas-Siġġiewi. Dawn ta' San Ġorġ jistgħu jitqabblu magħhom. Iż-żewġ kwadri li se ninawguraw illejla kienu ġew irregalati lil din il-knisja mill-Arċipriet tar-Rabat ta' dak iż-żmien, Don Dr Giacomo Galea. Galea, li kellu dottorat fil-Liġi, kien ħa l-pussess tiegħu ħames snin qabel. Iż-żewġ kwadri fil-fatt għandhom il-kelma "DONUM" flimkien mad-data. L-ebda wieħed ma hu ffirmat. It-tradizzjoni tal-firma kienet għadha xi ħaġa rari fl-arti. Dan hu element li jidħol aktar fis-seklu dsatax.

Irrid ngħid ukoll li l-Bażilika ta' San Ġorġ għandha fil-kollezzjoni tagħha r-rappreżentanza ta' wħud mill-aqwa artisti attivi f'Malta, u ż-żewġ kwadri ta' Zahra kważi jinkurunaw din l-importanza għax ikomplu fit-tradizzjoni tal-kwadri ta' Mattia Preti, ta' Giuseppe d'Arena, ta' Stefano Erardi u ta' ibnu Alessio, ta' Gio Nicola Buhagiar – l-għalliem ta' Zahra – u ta' Enrico Regnaud. Uħud minn dawn il-kwadri llum qegħdin ikkonservati fil-Mużew Il-Ħaġar. Hawnhekk, bejn dawn il-ħitan, għandna l-aqwa kollezzjoni ta' pittura f'din il-gżira li hija l-mikrokożmu tal-arti Maltija fis-sekli sbatax u tmintax. Dan huwa patrimonju importanti ħafna li jirrifletti wkoll l-importanza ta' din il-knisja fil-ħajja soċjali ta' Għawdex.

Il-gwarniċi tal-injam indurat ta' dawn iż-żewġ kwadri huma aktarx ukoll frott id-disinn ta' Zahra u ġejjin mill-istess għeruq dekorattivi li jsawru lill-kwadri nfushom. Tajjeb li nirreferi għall-fatt li Zahra kien ukoll disinjatur importanti immens u kien jikkollabora ma' marmisti u anki skulturi fl-injam. Fil-fatt, Francesco kellu ħuh, Felice, li huwa ddokumentat bħala skultur fl-injam ta' ħila.



B'xorti ħażina, s'issa għad m'għandniex dokumentazzjoni dwar dawn iż-żewġ gwarniċi, imma ftit hemm dubju li l-invenzjoni tagħhom ħarġet minn id Francesco Zahra. L-elementi ornamentali tagħhom huma komparabbli mal-idjoma dekorattiva tal-artist.

Għal din il-Bażilika, Francesco Zahra kien iddisinja l-altar tal-irħam fil-Kappellun tal-Erwieħ, altar li kien ġie maħdum minn Giovanni Antonio Durante bejn l-1759 u l-1761. Dan ifisser li r-relazzjoni ta' Francesco Zahra mal-Knisja ta' San Ġorġ ma bdietx permezz ta' dawn iż-żewġ kwadri laterali, u jista' jkun ukoll li l-ħajra għal dawn iż-żewġ kwadri nibtet minħabba dik il-kummissjoni li kienet frott il-ħidma ta' wieħed mill-aktar Għawdxin illustri ta' dak iż-żmien, Gian Pietro Francesco Agius de Soldanis, l-ewwel Bibljotekarju tal-Ordni, li kien ukoll il-Prokuratur tal-Altar tal-Erwieħ. Għal din il-knisja Zahra ħadem ukoll kwadrett żgħir tal-Madonna ta' Loretu li llum jinsab fil-Mużew Il-Ħaġar. Dan huwa sottokwadru li kien jitpoġġa fuq wieħed mill-altari tal-knisja għall-qima tal-pubbliku.

Issa li rritornaw għall-isplendur oriġinali tagħhom, dawn il-kwadri jistgħu jiġu mill-ġdid apprezzati. Il-wirt artistiku u kulturali mhux biss jagħti identità lil pajjiżna, imma wkoll iqajjem sens ta' apprezzament u għarfien tal-ġenju artistiku ta' dawk li ġew qabilna. Għandna xorti kbira li qegħdin hawn illejla biex nagħtu ġieħ lil wieħed mill-aktar artisti prominenti li qatt welled pajjiżna u napprezzaw tnejn mill-aqwa kapulavuri tiegħu.

Nirringrazzjakom.

*Dr Mark Sagona jgħallem fid-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta.*



# Diskors tad-Direttriċi ta' Atelier Del Restauro Ltd

## Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

## Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019

Valentina Lupo

Qabel ma nibda nitkellem dwar ix-xogħol li għamilna, nixtieq nagħti ftit informazzjoni żgħira dwar min aħna, għal min ma jafx. Il-kumpanija tagħna jisimha Atelier del Restauro u ġiet imwaqqfa fl-2012 (seba' snin ilu) minn Valentina Lupo, Maria Grazia Zenzani (restawratriċi tal-pittura u l-iskultura) u Simon Dimech (restawratur tal-kotba u l-karta). Flimkien magħna għandna għaxar restawraturi oħra jaħdmu u l-laboratorju jinsab fin-Naxxar. Tul dawn l-aħħar seba' snin konna fdati b'bosta proġetti importanti, ħafna minnhom Malta, bħal ngħidu aħna l-istatwa titulari ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, is-saqaf tas-Santwarju tal-Mellieħa, il-Madonna tal-Mellieħa, kif ukoll l-istatwa tant importanti u devota tar-Redentur tal-Isla. Ma' dawn kien hemm ukoll bosta kwadri importanti, fosthom dawk li jinsabu fil-Katidral tal-Imdina, kif ukoll manuskritti importanti li jinsabu fi ħdan l-istess Katidral. Barra x-xogħol ta' konservazzjoni u restawr, nagħmlu wkoll ħafna analiżi xjentifika fuq l-opri tal-arti, għax illum il-ġurnata huwa ħafna importanti li barra li aħna nirrestawraw u nikkonservaw, nifhmu għalfejn dawn l-opri tal-arti qed jiddeterjoraw, il-kawża u kif għandna nwaqqfu milli jiddeterjoraw, kif ukoll nistudjaw il-materjal u t-teknika li kienu jintużaw mill-artisti nfushom.

**Ir-restawr tal-gwarniċi**

Il-proġett ta' dawn il-kwadri u l-gwarniċi beda f'Diċembru tas-sena l-oħra fejn intrama *scaffolding* quddiem il-kwadri sabiex inkunu nistgħu nneħħuhom mill-gwarniċi u neħduhom fil-laboratorju tagħna f'Malta. Il-kwadri ġew ippakkjati u ttieħdu lejn Malta. Il-parti l-fissa tal-gwarniċ ġiet irrestawrata fil-post. Il-parti l-oħra tal-gwarniċ ħadnieha fil-laboratarju f'Malta u parti oħra ġiet irrestawrata fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' din il-Bażilika.



Waqt ir-restawr tal-gwarniċi rajna, kif qal Dr Mark Sagona, li dawn il-gwarniċi huma kontemporanji għal dawn il-kwadri, għandhom 'il fuq minn 250 sena, u għaddew minn ħafna interventi ta' restawr. Sibna wkoll ħafna ħsarat li ġew ikkawżati minn ħsarat aċċidentali kif ukoll kawża ta' tindif li kien sar fil-passat, għax jidher li ntużat xi biċċa niedja fejn ħafna mid-deheb neża'. Kien hemm oħrajn fejn kien hemm ħsara aktar profonda għax intlaqat anki l-injam.

L-ewwel li għamilna kien li bdejna nerġgħu nwaħħlu f'posthom il-biċċiet kollha li kienu qed jinqalgħu. Kien hemm ħsara viżwali, kif ukoll ħsarat oħra li b'għajnejna ma konniex narawhom imma bdejna nindunaw li l-induratura bdiet tinqala'. Għalfejn irridu nikkonservaw l-induratura l-antika u mhux noborxu kollox u nagħmluha mill-ġdid? Illum il-ġurnata napprezzew ħafna d-deheb oriġinali, l-ewwel nett minħabba l-manifattura tal-istess deheb, jiġifieri l-induratur li 'l fuq minn 250 sena ilu indura, kif ukoll il-materjal, għax il-proċess ta' kif issir il-folja tad-deheb li ntużat 250 sena ilu huwa totalment differenti minn kif isir illum. Illum il-ġurnata l-folja tad-deheb li nixtru hija vera, imma ssir bi proċess industrijali; filwaqt li l-proċess ta' dak iż-żmien biex mill-ingott tad-deheb iġibu folja rqiqa kien isir kollu bl-idejn. Għalhekk huwa importanti li nikkonservaw dak kollu li huwa oriġinali. Imma sibna deheb li ma kienx oriġinali, minħabba l-fatt li nafu li fis-sittinijiet kien sar xi restawr estensiv fejn twaħħlu folji ġodda b'teknika differenti.

Wara li kkonsolidajna l-istruttura, bdejna l-proċess ta' tindif. Għala t-tindif? L-ewwel nett id-deheb beda jiskura minħabba l-fatt li sibna ħafna *soot* (nugrufun tax-xemgħat), trabijiet, kif ukoll verniċ li ngħata fir-restawr li sar fl-imgħoddi. Dan kien verniċ oħxon illi bis-sħana jibda jsir *tacky* u miegħu jibdew jeħlu l-partiċelli tal-ħmieġ u *soot*. Barra minn hekk, il-verniċ beda jossida (jisfar) u beda jopaċizza ħafna l-induratura ta' dawn il-ġwarniċi. Meta jitnaddaf id-deheb mhux faċli, għax id-deheb huwa materjal delikat ħafna u biex jitnaddaf għamilna *solutions* ta' *gels* u kellu jitnaddaf b'reqqa kbira sabiex nikkonservaw dak kollu li huwa oriġinali.

Wara li tnaddfu, fejn hemm in-nieqes, bħal ngħidu aħna fil-weraq jew id-daqqiet, kellna nerġgħu nagħmlu rikostruzzjoni ta' kull biċċa li kien hemm nieqsa permezz tal-*gesso di bologna*. Wara ġew illivellati kollha u bdejna t-teknika tal-*water gilding*. Użajna deheb tat-23.75 karat, fejn permezz ta' folja doppja poġġejna d-deheb. Fejn kien hemm deheb li kien għadu tajjeb aħna żammejnieh. Ġie applikat l-ewwel il-*bolo*, li huwa livell ħamrani, l-imħadda fejn id-deheb joqgħod; dak huwa sensittiv ħafna għall-ilma. Għalhekk huwa importanti li affarijiet indurati qatt ma mmissuhom bl-ilma, għax dak qisu materjal bħal tafal u kif iħoss l-ilma jibda jinħall u għalhekk id-deheb li jkun fuqu jibda jinħall miegħu. Kien hemm ukoll parti oħra, bħal ngħidu aħna l-weraq, li kienu matti, u li saret b'teknika differenti u mhux b'teknika tal-*water gilding*, fejn folja tpoġġiet fuq kolla. Biż-żmien din it-teknika kkawżat *cracky layer* li aħna żammejnieh bħal parti mit-teknika oriġinali u bħala parti mis-sbuħija tal-weraq li nsibu f'dawn il-gwarniċi.

Wara li ppreparajna l-proċess tal-*bolo* bdejna ninduraw, fejn hemm proċess twil; kien hemm żoni li saħansitra l-parti



ta' isfel ta' wieħed mill-gwarniċi kien tneżża' kollu mid-deheb u kellna nerġgħu nindurawha mill-ġdid, fejn applikajna folji waħda fuq waħda. B'kollox għal dan il-proġett intużaw aktar minn 1,500 folja tad-deheb. Wara li tpoġġew il-folji, ġew imborniti permezz ta' ġebla *agaitstone*, fejn permezz ta' teknika mekkanika nġibu d-deheb imbornit, ileqq. Kien hemm żoni li ma kienx hemm bżonn jiġu imborniti, minħabba l-fatt li jkunu jridu jiġu jidhru matti biex ikun hemm moviment tridimensjonali fil-gwarniċ.

Problema oħra li sibna meta qlajna l-kwadri kienet il-ġebla. Kien hemm parti, speċjalment tan-naħa tal-lemin tal-Kor, fejn fuq wara kien ingħata materjal mhux adegwat fil-ġebla li din bdiet issofri u bdiet titmermer, u ovvjament il-ħsara li kien hawn fuq il-ġebla minħabba l-umdità kbira li kien hemm ġiet replikata fuq il-kwadru. Il-Parroċċa ħadet ħsieb li l-ġebla tiġi rrestawrata u kkonsolidata, u aħna ħadna ħsieb li nwaħħlu *membrane* biex nieħdu ħsieb li meta npoġġu l-kwadri ma jerġgħux iħossu l-umdità li kien hemm qabel.

**Ir-restawr tal-kwadri**

Kif semmejt qabel, il-kwadri ttieħdu fil-laboratorji tagħna f'Malta. Qabel ma bdejna x-xogħol tar-restawr, studjajna l-kwadri biex naraw mill-viċin il-ħsara li kellhom u kif se nsolvu l-problemi li identifikajna. Rajniehom b'dawl differenti, bil-*breaking light*, *ultraviolet light*, kif ukoll ittieħdu ħafna ritratti u dokumentazzjoni. Rajna mill-viċin il-problemi li kien hemm. L-ewwel nett rajna li hemm ħafna *cracky layers*, li nsibu f'ħafna kwadri oħra u mhux f'dawn biss. Dan huwa sinjal illi kwadru huwa fil-verità antik, għax li jiġri hu li t-tila, minħabba l-fatt li jkun hemm kambjament fl-umdità u fit-temperatura, tiċċaqlaq, waqt li s-saffi ta' fuq tal-ġibs u taż-żebgħa ma jiċċaqilqux, għax ma humiex flessibbli, u allura jibdew jaqsmu. U kien hemm problemi oħrajn, bħal linji li bdejna naraw fiż-żewġ pitturi kemm orizzontali u vertikali, li kienu effett tat-tilar ta' wara. It-tilar huwa tal-injam u t-tila bdiet tintreħa u sar *imprint* fuq il-pittura. U dik kellna nsolvuha għax kienet qed tikkawża ħsara estetika, għax ma tkunx tista' tgawdi l-kwadru kif suppost.

Ħsara oħra li osservjana f'wieħed mill-kwadri kienet l-imsejħa *blooming*, fejn il-ġebla (li semmejna aktar 'il fuq) affettwat it-tila, għax l-umdità daħlet anki taħt is-saff tal-verniċ. Il-*cracky layer* kien hemm minnu li kien għadu stabbli, imma kien hemm bnadi oħra li kien qiegħed aktar miftuħ, fejn il-kulur kien qiegħed jinqala' bil-mod. Meta jibda jinqala' l-kulur, ovvjament il-kulur jaqa' u jintilef.

Fiż-żewġ kwadri nsibu d-dati 1763 li semma Dr Sagona fid-diskors tiegħu. Proprju hemm miktub: "1763 Donum". Rajna wkoll fuq il-kwadru dettalji li ftit konna narawhom qabel għax kienu sofor u skuri, minħabba l-fatt li kien hemm verniċ li biż-żmien sfar. L-istess kif ġara fuq il-gwarniċ, miegħu nqabad ħafna trab u ħmieġ, kif ukoll ħafna *soot* tax-xemgħa, u bil-mod il-mod dettalji li naraw issa wara r-restawr ġew mgħottijin, u saħansitra kien hemm minnhom li ma konniex nafu bihom.

L-ewwel li sar huwa l-proċess taż-żarmar tat-tila mit-tilar. Interessanti huwa l-fatt li t-tila qatt ma żżarmat mit-tilar. Restawri fuq dawn il-kwadri kien hemm ftit, u interessanti wkoll illi din it-tila kienet imqabbda mat-tilar permezz ta' msiemer magħmulin mill-injam. Huwa interessanti wkoll illi dawk l-imsiemer saru kollha bl-idejn u fuq kwadru bħal dan kien hemm fuq 150 musmar li kellna naqilgħu. Ma kinux isiru tal-ħadid minħabba l-fatt li kienu jafu li jissaddu biż-żmien u t-tila tibda ċċedi. Fuq it-tilar rajna li kien hemm elementi metalliċi biex jitqabbdu diversi biċċiet tal-injam, fejn l-artist kien beża' wkoll li jekk jissaddu, is-sadid imur fuq il-kwadru. Allura x'għamlu? Applikaw tila doppja, biex jekk maż-żmien eventwalment ikun hemm xi sadid, ma jmurx fuq il-kwadru. Kien hemm ammont kbir ta' trab u ħmieġ fuq wara, speċjalment fuq il-kwadru tan-naħa tal-lemin tal-Kor, minħabba l-fatt li l-ġebla kienet qed titmermer u bdiet titfarfar fuq il-kwadru.

Wara li sar it-tindif, beda l-proċess bit-trattament tad-deformazzjonijiet kollha. Ippruvajna nneħħu dawk l-*imprints* li semmejna aktar qabel, kif ukoll naqqasna l-*cracky layer*. Il-*cracky layer* qatt ma tista' tneħħih kollu, għax iġġib tila tidher qisha *poster*, għax qabel fil-passat tant kienu jgħadduhom li kienu jġibuhom lixxi. Illum il-ġurnata l-*cracky layer* napprezzawh u rridu nkunu ċerti li jkun fi stat tajjeb. Il-kwadru kellu bżonn konsolidament, fejn applikajna konsolidant qisu bħal kolla fuq wara tal-kwadru kollu. Għalaqna l-pittura *f'vacuum* fejn imbagħad, meta nixef dan il-konsolidant, għamilna attivazzjoni tiegħu għas-sħana u użajna l-*vacuum* biex il-kulur jerġa' jeħel mat-tila. Il-vacuum li tajna qisu bħal piż fuq il-kwadru fejn permezz ta' ħafna pressjoni l-kulur jerġa' jeħel mat-tila. Dan il-proċess idum kważi ġurnata sħiħa għaddej. Rajna li t-tila kienet ippreservata tajjeb ħafna u ma kien hemm l-ebda tiċrit, allura ddeċidejna li dan il-kwadru ma kellux bżonn li teħel tila oħra fuqu. Ġie deċiż ukoll li jsir *strip-lining* biss, fejn mad-dawra kollha tal-kwadru waħħalna bordura ta' tila biex il-kwadru jkun jista' jerġa' jiġi stirat.

Ġiet ukoll ippreparata tila tal-għażel fejn saret qisha frenża u sar kollox bl-idejn, proċess li dam għaddej kważi ġimagħtejn għal kwadru wieħed. Din il-frenża saret biex meta nwaħħlu din it-tila fuq it-tila oriġinali ma jkun hemm l-ebda imprint. Wara, dawn l-istrips tat-tila ġew imwaħħlin fuq il-kwadru mal-bordura kollha u l-kwadru ġie stirat fuq tilar ġdid. Għala nbidel it-tilar? Fuq it-tilar oriġinali l-ewwel nett kien hemm infestazzjoni ta' dud, li avolja setgħet tissolva, rajna li l-elementi metalliċi tiegħu bdew jissaddu. Ma kienx tilar espandibbli (jiġifieri meta t-tila

...ikompli f'paġna 18





ritratti: Daniel Cilia

*...jaqbad minn paġna 15*

terġa' tillaxka ma stajniex nerġgħu niġbduha), u flimkien mal-Parroċċa u anki mal-Kordinatur iddeċidejna li t-tilari għandhom jerġgħu jsiru mill-ġdid.

Wara li kellna t-tila stabbli, stajna mmorru għall-kulur u bdejna nnaddfu. Imma qabel saru ħafna testijiet, għax ma kien faċli xejn li nneħħu dak il-verniċ oħxon u kien hemm minn tal-inqas bejn tliet u erba' saffi verniċ fuq il-kwadru li minn żmien għall-ieħor restawraturi taw passati fuq il-kwadri biex reġgħu jiffriskawhom. U wara, dawn it-testijiet bdejna nnaddfuhom. Għalina kien ta' sodisfazzjon kbir illi bil-mod il-mod bdejna noħorġu l-kuluri oriġinali ta' Francesco Zahra, bħal ngħidu aħna rajna li l-komma ta' San Ġorġ ma kinitx komma safra imma bajda. Kien hemm wiċċ l-anġlu, li kważi ma kienx jidher, tnaddaf. Biex naddafna ma kien faċli xejn. It-tindif dam xahar, bi tnejn min-nies jaħdmu kważi l-ħin kollu fuqu. Għax barra l-ħmieġ kellna nnaddfu bi *blades* il-ħmieġ tad-dubbien, il-verniċ oħxon li akkumula, u ħafna dettalji oħrajn: id-dettalji taż-żiemel, li qabel ma kinux qed jidhru, u bħal id u wiċċ San Ġorġ.

Wara li tnaddfu l-kwadri, ġie applikat coating jgħidulu *retouching varnish* biex l-irtokk tagħna ma jkunx dirett fuq il-kwadru u l-pittura oriġinali, imma fuq saff ta' verniċ. Dan isir biex fil-futur min jaħdem warajna jkun jista' faċilment ineħħi r-restawr tagħna.

Il-*losses* kollha li kien hemm imlejniehom ukoll u fl-aħħar sar il-proċess ta' rikostruzzjoni tal-*losses*. Aħna nużaw pniezel irqaq ħafna li x-xagħar tagħhom bilkemm tarah, u mmorru biss fuq il-*losses* li kien hemm. Fil-passat ir-restawr kien isir minn artisti u ġieli l-artist kien jaqbad u jmur lil hemm minn dak li kellu jagħmel. Xi kultant anki jiġu rikostruwiti affarijiet li lanqas kien hemm bżonn, jew jiġu vvintati. Illum il-ġurnata aħna nirrispettaw l-oriġinal. Fl-aħħar nett ingħata aktar minn *coating* wieħed fuq il-kwadru, fejn dan il-*coating* li tajna jipproteġi l-kwadru mill-ħmieġ tat-tinġis kif ukoll jissatura l-kuluri. Il-verniċ li tajna huwa *coating* li jintuża apposta fir-restawr, fis-sħana ma jsirx *tacky*, u jillimita lil dawk il-partiċelli li jkun hemm fl-arja biex ma jaqbdux mal-kwadru. Biż-żmien ukoll ma jisfarx. Huwa verniċ sintetiku.

**Il-kuluri li uża Zahra**

Sibna wkoll xi ħaġa interessanti wara li saru l-istudji tal-materjali u analiżi xjentifika fuq il-pitturi. Se nsemmi żewġ kuluri li studjajna, għax kien hemm aktar li rajna. Ħadna erba' kampjuni minn kuluri differenti għax konna interessati nafu Zahra x'kuluri uża, x'pigmenti uża, għax illum il-kulur nixtruh mill-*art shop*, imma qabel kienu jġibuh minn postijiet minn barra minn Malta u minn mini u postijiet naturali fejn kienu jiffabbrikaw dawn il-pigmenti. L-analiżi kollha saret permezz ta' strumenti sofistikati ħafna f'The Courtauld Institute of Art f'Londra. Permezz ta' dan l-apparat sofistikat ħafna x-xjentisti setgħu jaraw x'pigmenti uża Francesco Zahra. Wieħed minnhom kien sorpriża kbira għalina, għax huwa rarità fil-pittura. Konna interessati fi tnejn: fl-aħmar u fil-blu.

L-aħmar insibuh b'mod prominenti fiż-żewġ pitturi, speċjalment fuq il-mantell ta' San Ġorġ. Intbagħtu ħafna riżultati, b'rapport ta' aktar minn ħamsin paġna. Insibu li l-aħmar huwa *vermillion*. Dan kien jittieħed minn ġebla li jgħidulha *cinnabar*, li kienet tiġi misjuba f'mini fi Spanja fejn kien hemm ħafna merkanti li kienu jikkummerċjalizzaw dan il-pigment, fost oħrajn fl-Ewropa. Huwa interessanti li huwa kulur li fih il-*mercury sulfide*. Illum nafu li l-merkurju huwa velenuż u ma nużawhx. Imma qabel l-artisti kienu jagħmlu użu kbir tiegħu meta riedu joħolqu l-aħmar vibranti. U biex nagħti eżempju, Raffaello użah f'pittura tiegħu Ansidei Madonna (1505) u Johannes Vermeer f'The Girl with a wine glass (1659-1662), li huwa simili ħafna għall-aħmar li għandna fil-pitturi ta' Zahra.

It-tieni kulur li huwa interessanti huwa l-blu, fejn bl-istess proċess sibna illi l-pigment huwa *Ultramarine*. Meta kkonfermajna sibna li dan il-pigment li hemm fuq il-pittura ġej minn fuq ġebla *lapislazuli*, li hija ġebla li tinsab biss f'mini fl-Afganistan. Tistgħu timmaġinaw kif fis-seklu tmintax f'Malta nġab dan il-pigment. Nafu li kien hemm ħafna merkanti Taljani li kienu jġibu dan il-pigment mill-Afganistan u jbigħuh fl-Ewropa. Dan kien l-iktar kulur għoli fil-prezz li artist seta' jixtri għal pittura. Pigmenti blu kienu jeżistu ħafna, imma dan il-blu huwa importanti għax huwa blu li jagħti ċerta rikkezza fil-kulur u kien jintuża biss minn min kellu l-flus biex iħallas. Allura nistgħu napprezzaw il-benefattur kemm ħallas għal dan il-kulur. Ħafna drabi napprezzaw id-deheb, għax id-deheb ukoll għoli, imma dak iż-żmien il-*lapislazuli* kien ogħla mid-deheb. Dan biex tapprezzaw il-benefattur kemm ried iħallas għall-aqwa kulur blu li seta' kien hemm dak iż-żmien. Dan il-kulur insibuh ukoll fil-pitturi ta' Tiziano, imma mhux fil-pitturi kollha, għax kien jużah biss għal min seta' jħallas għalih, bħal ngħidu aħna fil-pittura The Madonna and Child, St Dorothy and St George (1518). U hemm ukoll pittura li kulħadd jaf biha ta' The Girl with a Pearl Earring (1665) ta' Vermeer, li hemm ix-xalla fuq ras din it-tfajla u fil-fatt il-blu huwa *lapislazuli*.

**Ringrazzjamenti**

Nixtieq nirringrazzja lill-Arċipriet Joseph Curmi, lill-Kapitlu u lill-kleru tal-fiduċja sħiħa li wrew fina u fir-restawr ta' dawn il-pitturi; lil Andrew Formosa u lil George Francis Vella li kienu l-assistenti wkoll flimkien mal-Arċipriet u l-Kapitlu f'dan il-proġett, u li ħadu ħsieb il-loġistika; lil Dr Mark Sagona li kien il-Kordinatur tal-proġett u li segwa dan il-proġett f'kull dettall, u nirringrazzjawh ukoll tal-interess li wera u tal-pariri siewja li tana; lil Noel Formosa li ħa ħsieb l-amministrazzjoni ta' dan il-proġett mill-Assoċjazzjoni Kura; lil Gaby Mallia mill-EMCS. Nirringrazzja lit-tim ta' restawraturi, lill-kollegi tiegħi Maria Grazia u lil Simon li flimkien mexxejna dan il-proġett, kif ukoll lill-grupp ta' restawraturi li kienu ħafna: Antonio, Marilena, Valentina Signorello, Valentina Morai, Norami, Vanessa, u Marsia. Nirringrazzja lil Joseph Zammit, il-fotografu li segwa dan il-proġett fid-dettall u kull tlitt ijiem kien jiġi jieħu r-ritratti u għamel dokumentazzjoni sħiħa. Nirringrazzja lil kulħadd. Aħna onorati lil ħdimna f'din il-Bażilika kif ukoll onorati li ħdimna fuq dawn il-kwadri tant importanti. Grazzi.

# Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773) u l-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ

Dr Paul George Pisani

Ir-restawr professjonali riċenti tal-kwadri laterali tal-Kor, xogħol Francesco Vincenzo Zahra, tawni spunt inħarbex dawn iż-żewġ kelmiet, anzi riflessjonijiet personali, imnebbħin minn din il-ġrajja. Dawn iż-żewġ kwadri jiffurmaw parti mill-kollezzjoni impressjonanti ta' opri tal-arti li ġew mogħtija matul is-sekli lil din il-knisja ewlenija ta' beltna. Kif jixhdu l-istoriċi tal-arti, il-kollezzjoni ta' opri artistiċi f'din il-knisja hija waħda impressjonanti u tinkludi xogħlijiet ta' Mattia Preti, Giuseppe D'Arena, Stefano Erardi, Alessio Erardi, u Gio Nicola Buhagiar.[1] Għalhekk il-kummissjoni tal-kwadri tal-Kor lil Francesco Vincenzo Zahra tinkwadra ruħha fit-tendenza li dejjem jintgħażlu l-artisti l-aktar 'in voga' f'dak il-mument.

## "Donum"

B'differenza minn kummissjonijiet oħra, l-ispejjeż sabiex saru dawn il-kwadri tal-Kor ma nġabrux minn fost il-parruċċani. Dawn il-kwadri huma rigal lill-Knisja parrokkjali tar-Rabat mill-Arċipriet Ġakbu Galea, benefattur illustri, li barra dawn il-kwadri, żejjen lill-knisja fdata taħt it-treġija tiegħu b'opri artistiċi oħra, fosthom oġġetti tal-fidda għas-servizz liturġiku. Ta' min jgħid ukoll li Galea kien jiġi z-ziju ta' benefattur ieħor tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, jiġifieri l-Arċipriet Saver Cassar, patrijott u mexxej tal-Għawdxin fl-imblokk tal-Franċiżi fl-1798-1799. Ftit huma dawk li jafu li l-Arċipriet Cassar ukoll irregala oġġetti tal-fidda għall-użu liturġiku lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fosthom l-isfera għall-Barka Ewkaristika. Dan tixhdu skrizzjoni li tinsab fuq il-'landa' jew kontenitur tal-fidda li fiha titpoġġa l-ostja kkonsagrata fit-tabernaklu meta ma tkunx esposta għall-adorazzjoni fl-isfera.

Iż-żewġ kwadri fihom il-kelmiet *'Donum'* u s-sena 1763, jiġifieri r-raba' sena tal-parrokat tal-Arċipriet Galea. Huwa kien ħa l-pussess ta' Arċipriet fl-1759. Ta' min jinnota l-għażla tal-kelma *'Donum'*. Fil-fatt, bil-Latin jeżistu diversi kelmiet li jfissru rigal jew donazzjoni, bħal *oblatio*, *offertio*, *munus* u *donum*. Sa miż-Żminijiet tan-Nofs, il-kelma *'donum'* kellha sinifikat speċjali: *"'Munus' and 'donum' and related words are common in theological works for the early and central Middle Ages for gifts and offerings to God, as also for God's gifts to humanity".*[2]

## L-għażla ta' Zahra

Sciberras jattribwixxi din id-donazzjoni tal-kwadri mill-Arċipriet Galea lill-imħabba sfrenata li kellu lejn il-Patrun tal-parroċċa fdata f'idejh, kif ukoll bħala mezz kif jimpressjona lill-parruċċani tiegħu.[3] Dan għaliex l-għażla ta' Zahra kienet waħda importanti ħafna. Huwa kien il-pittur l-aktar popolari f'dawk iż-żminijiet għall-kummissjonijiet ta' opri artistiċi fil-knejjes ta' pajjiżna.[4] Teżisti polemika bejn l-istoriċi u studjużi tal-arti dwar jekk Zahra kienx influwenzat jew le mill-iskola Naplitana, jew inkella minn Favray jew Gian Nicola Buhagiar. Hawn mhux il-lok li niddiskutu dan il-punt. Li huwa importanti f'dan l-istadju huwa li jiġi enfasizzat li Zahra kien qiegħed jibni reputazzjoni bħala l-aktar artist imfittex għal kummissjoni ta' opri artistiċi fil-knejjes ta' pajjiżna, ewlieni fosthom il-Katidral tal-Imdina. Huwa kien imfittex ukoll sabiex ipitter kwadri ta' daqs kbir li bdew jitqiegħdu fuq l-istalli tal-Kor fil-knejjes parrokkjali. Montanaro jiddeskrivi tajjeb din il-moda:

> … series of analogous, large, twin canvases… Local tradition required that such canvases were to be given great prominence and were to be hung above the choir stalls of the parish church. Popular piety and the proverbial parochial pride went hand in hand in the commissioning of these vast canvases… Francesco Zahra applied himself to the genre with a remarkable *gusto* from the very outset of his career.[5]

## De Soldanis u Zahra

Mill-ktieb *Il Gozo Antico e Moderno Sacro e Profano* tal-Kanonku Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis nafu li l-awtur, bħala Prokuratur tal-Altar tal-Erwieħ fil-Knisja parrokjali ta' San Ġorġ, ikkummissjona lil Zahra sabiex jagħmel id-disinn tal-altar ġdid tal-irħam għall-Kappellun tal-Erwieħ. Il-kuntratt relattiv sar għand in-Nutar Francesco Alessi fid-9 ta' Frar 1759, u Zahra kien wieħed mix-xhieda fuq dan il-kuntratt.[6] Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar din il-kummissjoni, nixtieq nagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:

1. Is-sena 1759 timmarka l-bidu tal-parrokat tal-Arċipriet Galea. Għalhekk nistgħu ngħidu li De Soldanis 'introduċa' lil Zahra mal-Arċipriet Galea u mal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ permezz tal-kummissjoni tiegħu tal-altar tal-irħam.
2. Ix-xogħol tal-qlugħ tal-altar l-antik żgur li kien qiegħed isir fl-aħħar ta' Ottubru 1760, jiġifieri matul il-parrokat ta' Galea.[7]
3. Il-pitturi tlestew fl-istess sena li fiha De Soldanis ħalla minn Prokuratur u ttrasferixxa ruħu f'Malta fejn fl-24 ta' Ġunju 1763 inħatar bħala l-ewwel Bibljotekarju tal-Ordni.[8]

Dan kollu, fl-opinjoni tiegħi, jixhed li kien x'aktarx fuq il-parir ta' De Soldanis li seħħet il-kummissjoni lil Zahra ta' dawn iż-żewġ kwadri laterali tal-Kor.

## Konklużjoni

M'iniex ser nitkellem fuq il-kwalitajiet artistiċi ta' dawn il-kwadri. Fuq dan is-suġġett wieħed jista' jara x-xogħlijiet ta' diversi kittieba oħra, fosthom uħud li kkwotajt jien. Irrid nagħlaq billi nsemmi li barra dawn iż-żewġ kwadri laterali tal-Kor, il-Bażilika ta' San Ġorġ tippossedi xogħol artistiku ieħor ta' Zahra. Dan huwa kwadru tal-Madonna ta' Loreto li x'aktarx kien wieħed mis-sottokwadri fil-Bażilika u llum jinsab espost fil-Mużew Il-Ħaġar. Dan il-kwadru ġie ppubblikat l-ewwel darba minn Mark Sagona,[9] li jattribwixxi dan il-kwadru, li sar fl-1766, lil Zahra. Huwa jitkellem ukoll dwar kwadru li jirrappreżenta lil San Alwiġi Gonzaga li x'aktarx huwa wkoll ta' Zahra. Dan il-kwadru ntmess minn idejn mhux esperti xi snin ilu u jinħtieġ attenzjoni immedjata sabiex jiġi salvat.

Kif rajna, il-kuntatt bejn il-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u Zahra baqa' anki wara l-kummissjoni tal-kwadri laterali tal-Kor. Dawn il-kwadri, kif ingħad aktar 'il fuq, huma parti mit-teżor artistiku tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Ir-restawr li għadu kemm sar ser jiżgura li dawn il-kwadri tal-Kor jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet tal-futur. Jalla dan il-pass iħajjar entitajiet u persuni sabiex jikkontribwixxu ħa jiġi salvat il-patrimonju reliġjuż estensiv ta' dan it-tempju ewlieni.

1 K. Sciberras, *Francesco Zahra 1710-1773, His life and art in mid-18th century Malta*, Malta 2010, 192.
2 C. Wickham, 'Conclusion', in W. Davies & P. Fouracre (Eds.), *The Languages of Gift in the Early Middle Ages*, Cambridge 2013, 243.
3 Sciberras, 192.
4 E. Montanaro, 'Materials for the Life of Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773)', in *Francesco Zahra 1710-1773*, Malta 1986, 1-38, passim.
5 Montanaro, 5-6.
6 NAV 35/528 f. 69r. Dan il-kuntratt ġie ppubblikat minn E. Montanaro, 'Id-dekorazzjoni bl-irħam tal-Kappella tal-Erwieħ fil-Bażilika ta' San Ġorġ, f'*Festa San Ġorġ 1987*, Malta 1987, 33.
7 NLM Lib. MS. 145, f. 243.
8 J. Bezzina, 'Canon Francesco Agius, the erudite priest from Gozo', f'G. Vella & O. Vella (Eds.), *De Soldanis. An eighteenth century intellectual*, Malta 2012, 22.
9 M. Sagona, 'The Art Treasures. A Critical Overview', f'C. Cini (Ed.), *Saint George. Gozo's Golden Basilica*, Malta 2011, 54.

# Diskors tal-Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Pitturi ta' Francesco V. Zahra*

Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

L-Arċipriet Joseph Curmi

Insellem lilkom, għeżież mistednin. Din tal-lejla hi ċelebrazzjoni ferm sabiħa u sinifikattiva. Illum qegħdin ninawguraw l-ewwel fażi ta' restawr f'din il-Bażilika monumentali. Qabli kellmukom b'mod professjonali dwar l-istorja u dwar il-metodu użat għar-restawr. Jien bħala r-ragħaj tagħkom nixtieq inkellimkom dwar il-fidi li dawn iż-żewġ pitturi jevokaw.

X'aħna nirrestawraw? Forsi wieħed jgħid żewġ pitturi sbieħ flimkien mal-gwarniċi tad-deheb. Iżda l-ewwel nett irridu niftakru li l-arti sagra Kristjana mhix biss prodott ta' artist, iżda hi prodott ta' mixja ta' fidi ta' poplu. L-arti sagra hi prodott ta' Knisja. Fil-fatt mhix l-ewwel darba li fi knejjes u postijiet tat-talb biċċiet tal-arti, sew jekk pittura, sew jekk dekorazzjoni, sew jekk mużika, ġew mibdula jew imneħħija mhux għax kienu artistikament koroh, iżda għax kellhom nieqsa s-sagralità. Għax l-għan primarju tal-arti sagra Kristjana hu li fis-sbuħija twassal id-dimensjoni tal-infinit, id-dimensjoni ta' Alla, li mhix idea jew ideoloġija, iżda relazzjoni ħajja u personali. U hawn nasal ngħid li s-sbuħija tal-arti sagra tmur lil hemm mill-estetika. Is-sbuħija tal-arti sagra tinsab fil-kapaċità li għandha li toħloq komunikazzjoni jew le mas-sagru, mal-mistur. Hu għalhekk li kritika tal-arti sagra ma tistax issir biss fuq livell tekniku u estetiku, iżda wkoll fuq il-livell tal-fidi, anki dik popolari.

Il-pittura kienu jsejħulha l-"bibbja tal-foqra", tal-illitterati, għaliex setgħet iddewwaq is-sbuħija tal-messaġġ Kristjan lil min l-edukazzjoni kien nieqes minnha. Fil-fatt fi żmien ir-riforma Protestanta u l-Kontro-Riforma Kattolika, żmien mhux tant imbiegħed minn dawn il-pitturi li qed ninawguraw illum, l-arti ġiet magħżula bħala l-pulptu providenzjali użat mit-teologi Kattoliċi biex iwasslu l-veritajiet tal-fidi.

Maż-żmien dawn iż-żewġ pitturi swiedu u ddallmu b'tali mod li l-messaġġ vibranti tagħhom ma setax jibqa' jinqara. U forsi wieħed illum jistaqsi jekk hemmx bżonn li naħlu l-enerġija fuq il-bibbja tal-illitterati f'dinja edukata. Iżda kollha kemm aħna nafu li ninsabu f'tip ta' illitteriżmu differenti. Il-paċenzja għall-qari u għas-smigħ naqset immens. Naqset ukoll il-kapaċità tal-konċentrazzjoni u r-riflessjoni. U bħal donnu l-moħħ iddallam bħal dawn il-pitturi u hekk il-fidi taf tiġi superfluwa u irrelevanti. Fil-fatt, anki llum, il-viżiv isostni s-smigħ biex il-messaġġ jasal u fil-każ tal-fidi jqanqal ir-ruħ u l-qalb.

Forsi mhux b'kumbinazzjoni li hu proprju f'dan iż-żmien li l-Parroċċa tagħna qed tħoss il-bżonn li terġa' tfarfar u tneħħi t-trab u l-ħmieġ miġbur tul iż-żmien biex tirrestawra dawn l-opri ta' arti sagra. Inħoss li l-Parroċċa tagħna qed tħoss fil-qalb tagħha li ż-żgħar tagħna qed jitbiegħdu, qed jitħawdu, qed jogħxew wara ġmiel fint. U għalhekk fir-restawr li qed nagħmlu bħalissa nħoss xewqa ġenwina ta' komunità li trid terġa' tiskopri kuntatt dirett mal-Ħallieq.

Mitejn u ħamsin sena ilu l-komunità Ġorġjana, fil-maġġoranza tagħha nies sempliċi u b'riżorsi ferm limitati, ħasset il-bżonn li ssebbaħ id-dar ta' Alla bl-aqwa arti sagra biex xħin tidħol hawn ġew tinsa l-uġigħ u tnissel it-tama. Żejnu d-dar ta' Alla b'żewġ pitturi biex qalb it-toqol ta' ħajjithom jaraw kif San Ġorġ b'kuraġġ ta' fidi soda waqaf quddiem il-qawwa imperjali, kif ukoll kif il-fedeltà għall-Vanġelu taf tiswa prezz għoli. Aħna llum ukoll, komunità Ġorġjana, forsi f'soċjetà ħafna iżjed ikkumplikata, qed nidħlu għal dawn il-proġetti għax nemmnu li l-arti llum tista' wkoll issalva l-fidi. Biex dan ir-restawr ma jkunx biss restawr ta' arti, imma ta' arti *sagra*, irridu nkomplu f'ħidma kbira biex mal-arti jiġu rrestawrati fil-komunità s-sitwazzjonijiet mudlama, it-tiċrit tal-qlub, il-firdiet u l-ħmieġ. Dak hu x-xogħol tal-Knisja: li twassal il-messaġġ ta' Kristu b'kull mezz.

Fuq nota iktar prattika... Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-Kor Laudate Pueri, mhux biss tal-kunċert tal-lum iżda tas-sehem fil-liturġija s-sena kollha. Grazzi wkoll lit-tim kollu tal-Victoria International Arts Festival. Grazzi lill-Ragħajja kollha ta' din il-Parroċċa li kienu qabli, fosthom l-Arċiprieti ta' qabli. Dan il-proġett ġie maħsub u bdew il-pjanijiet għalih fi żmien l-Arċipriet Pawlu Cardona. Grazzi lil Joe Zammit u Joe Attard li ddokumentaw dawn il-proċessi bil-fotografija tagħhom. Grazzi lil Noel Formosa u Gabby Mallia tax-xogħol burokratiku kollu. Grazzi kbira lil John Cremona. Grazzi lil *Atelier del Restauro* u lil Dr Mark Sagona.

Parti minn dan il-proġett qed issir minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Iżda hemm madwar 25% tal-ispejjeż kif ukoll l-ispejjeż kollha burokratiċi li se jkunu mis-sehem li intom tagħtu għall-proġetti ta' din is-sena. Ngħid il-verità, kultant, meta jibdew ġejjin il-kontijiet, nibda naqta' n-nifs, għax l-ispejjeż huma verament kbar għal komunità bħal tagħna. Iżda nagħmel kuraġġ kemm b'dawn l-aħħar sentejn u nofs li ili fostkom kif ukoll bil-passat kollu ta' din il-Parroċċa u Bażilika Ġorġjana. Jekk irnexxielhom mitejn u ħamsin sena ilu, tgħid ma naslux aħna? U dan ngħidu kemm għall-aspett finanzjarju u kemm għall-enerġija fir-restawr tal-komunità parrokkjali tagħna.

Faċli wieħed jagħti l-pariri u jordna x'jaħseb li għandu jsir, iżda fil-parroċċa huma l-idejn tal-voluntiera u d-donazzjonijiet ta' min għandu għal qalbu l-Parroċċa tagħna li jagħmlu dan kollu possibbli. Għalhekk, grazzi kbira u mill-qalb lilkom, għeżież benefatturi Ġorġjani.

** Dan hu t-test sħiħ tad-diskors li kien tħejja, imma ma nqarax, għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni.*



# Il-kwadri laterali ta' Francesco Zahra fil-presbiterju tal-Bażilika Ġorġjana

Paul Cassar

Iż-żewġ kwadri mill-isbaħ li l-artist Barokk Malti Francesco Zahra ħadem għall-presbiterju tal-Bażilika ta' San Ġorġ fl-1763 huma xempju artistiku u wieħed mill-isbaħ mumenti stilistiċi kemm fl-imsemmi maqdes u kemm f'Għawdex. Ta' daqs u għamla kumplimentari mal-kwadru titulari ta' San Ġorġ rebbieħ, xogħol il-Kalabriż Mattia Preti, il-kwadri juru żewġ mumenti sinifikattivi minn ħajjet il-Martri ta' Lidda: San Ġorġ quddiem Djoklezjanu u l-Qtugħ ir-Ras tal-qaddis. Kif tixhed l-iskrizzjoni fuq l-aħħar kwadru, dawn iż-żewġ opri artistiċi ġew mogħotija lill-Knisja parrokkjali mill-Arċipriet ta'dak iż-żmien Dun Dr Giacomo Galea.

**Tematika, stilistika u apprezzament**

B'ħila sublimi l-imsemmi Preti ħoloq ikona tematika u devota li tgħannaq il-ħitan glorjużi u storiċi tal-Bażilika b'espliċità liema bħalha. Ċertament li l-artist Kalabriż kien imfittex biex joħloq immaġni monumentali u mogħni b'ħila kbira kkommetta ruħu għal din l-isfida. San Ġorġ jidher dak it-tribun żagħżugħ, l-ideal ta' żmienu, b'xabla misluta jperreċ surtu fuq il-ħażen mirbuħ, filwaqt li jilqa' l-kuruna dehbija tal-glorja mis-Sema. L-impatt ta' ħidmet Preti b'dan il-kwadru ma kienx wieħed temporanju. Xogħlu stabbilixxa livell u prototip tematiku għal artisti li ġew warajh u li ħadmu fl-imkejjen tal-Bażilika Ġorġjana.

Fid-dell tal-maestrija artistika ta' Preti, l-artist Zahra ħoloq żewġ kwadri li ma jagħmlux għajb lix-xogħol tat-titular. B'attenzjoni sfiqa fuq l-ilwien, il-kompożizzjoni u s-suġġett, l-artist irnexxielu jsawwar żewġ episodji mimlija emozzjoni u drammatiċità espressiva. Għaldaqstant il-qaddis hu fiċ-ċentru taż-żewġ kwadri: minnu l-istorja ta' kull episodju tieħu s-sens tagħha. Il-kuntrast li Zahra joħloq fil-karattru tal-qaddis tikkundizzjona l-iżvolġiment tan-narrattiva. Iċ-ċaħda li San Ġorġ jidher jesprimi b'idejh u b'ħarstu lill-allat pagani miġjuba quddiemu fil-preżenza tal-Imperatur Djoklezjanu tikkuntrasta drastikament mal-ħarsa rassenjata iżda glorjuża tal-qaddis li jidher għarkupptejh mumenti biss qabel id-daqqa aħħarija tal-manigold. Ma' dawn l-elementi ċentrali, it-tematika ta' kull rappreżentazzjoni tieħu s-sens massimu tagħha mill-figuri u l-elementi sekondarji li jidhru fil-kwadri. Strutturi arkitettoniċi, ġesti, dawl u lwien ma jurux ħlief l-intelliġenza artistika ta' Zahra li, mogħni b'esperjenza prattika u maturità fil-qasam, jirnexxilu jżid aktar l-esklussività tal-kwadri.

Il-kwadri jispikkaw ukoll fl-importanza għas-sinerġija tematika tagħhom, b'għadd ta' elementi simboliċi li l-artist jinkludi fiż-żewġ xogħlijiet. Zahra jidher iħaddem tajjeb l-iskola Barokka li hu kien jaf tajjeb primarjament minn xogħlijiet li ħallew artisti tal-perjodu ftit qabel żmienu. Hawn naraw b'kemm dinjità u responsabbiltà artistika Zahra ħares lejn ix-xogħol monumentali ta' Preti u adatta ħidmietu ma' din l-opra. Dan jidher ċar speċjalment fit-teatralità li l-artist juża fil-kompożizzjonijiet kompatti tiegħu. Il-kwadri huma eżempju klassiku f'dan l-aspett. L-artist jaħseb f'narrattiva ħajja li b'ħila tperreċ l-aspett prinċipali tal-kwadru: il-figura qaddisa ta' San Ġorġ. F'dan is-sens, permezz ta' livelli strutturali li jagħmlu kull kompożizzjoni, l-artist joħloq teatru mill-isbaħ f'kull kwadru. Zahra jidher iqassam l-attenzjoni fost il-persunaġġi b'mod ekwilibrat. Din l-attenzjoni tilħaq il-milja tagħha fiċ-ċentru taż-żewġ kompożizzjonijiet. L-isfond skur tax-xeni joħloq kuntrast mat-tqassim mill-isbaħ tad-dawl li jaħsel l-elementi tal-kwadru b'lewn dehbi u li jiffoka l-qawwa tiegħu fuq il-qaddis. L-isbaħ u l-ifjen ilwien huma rriservati għall-figuri prinċipali u dan f'tentattiv aħħari biex is-suġġett tal-kwadru jibqa' jdomm l-importanza tiegħu. Il-konsistenza tematika fiż-żewġ kwadri tidher ukoll f'numru ta' elementi, bħal persunaġġi fl-isfond u ż-żiemel abjad tipiku tal-qaddis.



**Konklużjoni**

Bl-intervent riċenti li sar fuq l-kwadri nkisbet lura d-dinjità oriġinali li ħarġet minn idejn Zahra. Il-prestiġju li bih inżammu dawn il-kwadri tul is-sekli għenet sabiex ir-riżultat aħħari ta' dawn ir-restawraturi seta' jintlaħaq fil-massimu tiegħu. Zahra, fil-quċċata tal-karriera tiegħu, ħalla xhieda artistika mill-isbaħ permezz ta' dan ix-xogħol fil-gżira Għawdxija. Għaldaqstant dawn il-kwadri jistgħu jitqiesu bħal sintesi tal-ifjen temperamenti tematiċi u prattiċi tal-artist fl-aqwa ta' żmienu.



## X'taqra fil-kwadri...

**San Ġorġ quddiem l-Imperatur Djoklezjanu**

It-Tribun nobbli ta' Lidda jidher quddiem Djoklezjanu fil-qorti imperjali tal-Palazz tiegħu fin-Nikomedija, qed jagħti xhieda tal-fidi tiegħu f'Alla u bil-ġest ta' jdejh juri li qed jirrifjuta l-qima lill-allat pagani. L-imperatur, bilqiegħda fuq it-tron, b'dak li jista' jidher bħala l-editt kontra l-Insara inkella xi xettru f'idejh, jidher qed jisma' l-parir ta' Galerju, waqt li l-qaddis ukoll għandu lis-saħħar Atanasju li jipprova jikkonvinċih jixħet l-inċens quddiem l-allat – hekk jidher min-nar imqabbad u l-istatwa ta' wieħed mill-allat Rumani (forsi Apollo mill-istrument jixbah lil arpa f'idu). Ġorġi jinsab liebes ta' uffiċjal Ruman u fuq wiċċu għandu ħarsa serena imma fl-istess waqt determinata. Maġenbu, ir-raġel li jżomm il-lanza, donnu l-istess persunaġġ li fil-pittura l-oħra hu l-manigold li jtemmlu ħajtu. Fil-pittura jidhru persunaġġi oħra, membri fil-qorti imperjali, jew ukoll suldati oħra li qed jippruvaw irażżnu ż-żiemel abjad tal-qaddis. Ix-xena kollha donnha qed isseħħ f'xi bitħa tal-palazz, kif jixhdu s-sema msaħħab u l-arkitettura u l-iskultura klassika.

**Il-Martirju tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ**

L-azzjoni drammatika tal-martirju tal-qtugħ ir-ras li għalih ġie kkundannat il-qaddis isseħħ fuq speċi ta' palk maqtugħ mill-art minn erba' tarġiet li jiffurmaw il-parti kważi ċentrali tal-kwadru. Il-ħarsa serena ta' Ġorġi, għarkupptejh, u b'idejh magħquda fit-talb, turi t-telqa sħiħa tiegħu f'idejn Alla f'dan il-mument tal-martirju tiegħu. L-elmu li kien jidher f'rasu fil-pittura l-oħra, issa jinsab mixħut fuq waħda mit-tarġiet. Il-pittura turi b'mod l-aktar drammatiku l-mument eżatt ta' qabel il-qtugħ ir-ras, hekk kif il-manigold (li diġà ħadna ħjiel tiegħu fil-kwadru ta' qabel) diġà għandu idu mqabbda ma' troffa xagħar tal-qaddis, waqt li bl-id l-oħra għandu x-xabla lesta biex jerfagħha u jaħsadlu rasu, kif jistenna biss s-sinjal tal-ordni minn id il-persunaġġ fuq ix-xellug, l-istess wieħed li deher biswit l-Imperatur fil-kwadru l-ieħor, u allura aktarx Galerju li jibqa' preżenti sal-aħħar fl-istorja sakemm jara li x-xewqa kiefra tiegħu tiġi esegwita sat-tmiem. Ir-rebħa tal-martirju u l-premju tas-Sema li kważi diġà qed jingħata lill-qaddis fl-aħħar nifsijiet ta' ħajtu huma rrappreżentati mill-anġlu glorjuż li qed iqiegħed bi ħlewwa kbira kuruna tad-deheb fuq rasu, waqt li puttinu ieħor qed iressaqlu lejh fergħa ta' palma. Is-sħab iswed hu mifruq minn sfond kważi dehbi, donnu biex juri l-premju li hemm jistenna lill-qaddis għand Alla. Żewġ persunaġġi jew iżjed fl-isfond bejn Galerju u l-manigold jistgħu jirrappreżentaw ħbieb tal-qaddis fl-aħħar tentattiv biex jeħilsuh mill-mewt, wieħed donnu jrid jikkonvinċi lil Galerju jreġġa' lura l-kundanna u l-ieħor lil Ġorġi biex idur lura minn kelmtu. Fuq in-naħa l-oħra tal-kwadru, għal darb'oħra, raġel qed jipprova jrażżan iż-żiemel tal-qaddis, waqt li tliet persunaġġi oħra jħarsu mill-isfond b'biża' u stagħġib lejn l-att tal-martirju. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, mhux ta' min jinsa l-kelb f'riġlejn il-palk qed iħares b'attenzjoni lejn il-ġrajja, li jista' jiġi interpretat bħala l-ħabib fidil tal-qaddis li baqa' miegħu sal-mewt.

*ritratti tas-Suppliment huma ta' JJP Zammit*



**IL-KONFIRMAZZJONI**
**Il-Ħadd 19 ta' Mejju 2019**

Anaya Attard, Christine Attard, Francesca Attard, Carlos Axiaq, Hayden Bonnici, Lukas Cini, Wayne Debono, Geordie Ellis, Karolynn Ellis, Julian Farrugia, Kristen Farrugia, Saviour Farrugia, Mariah Galea, Shannah Galea, Timothy George Grech, Sakana Griffiths, George-Andrei Mercieca, Mathias Ġorġ Muscat, Jerome Portelli, Yanica Sultana, Anthony Vassallo, Carina Vassallo, James Vassallo, Iva Zelčić

*Ritratt: Sam Cefai*



**L-EWWEL TQARBINA**
**Il-Ħadd 25 ta' Mejju 2019**

Jean Abela, Clive Attard, Nathan Borg Attard, Floyd Brignoli, Shirley Jo Bugeja, Noah James Camilleri, Benjamin Caruana, Loukis Cassar Casha, Lyla Cefai, Amy Cremona, Luke Cremona, Kris Curmi, Christine Cutajar, Maria Debattista, Nina Debono Curmi, Alex Ellis, Kate Ellis, Matthew Angel Ellis, Andrew Farrugia, Cesca Martina Farrugia, Jordan Farrugia, Matthias Farrugia, Chanelle Grech, Gabriel Grech, Giulia Grech, Marie Claire Grech, Matthias Mario Grima, Ana Portelli, Kylie Saliba, Alessia Vassallo, George Vassallo, Beppe Vella, Kyle Vella, Martina Vella, Zac Vella, André Xerri, Julia Zammit

*Ritratt: Scerri Photo Studios*

# Is-Sena Marjana ċċelebrata fil-Mużew tagħna

Antoine Vassallo




Il-kumitat li jmexxi l-Mużew Il-Ħaġar mill-ewwel ħaseb x'jista' jdaħħal fil-programm tiegħu għal din is-sena speċjali u ħaffef tella' wirja wara li kkonferma mal-Isqof Mario Grech u mal-Arċipriet Joseph Curmi. L-isem tnebbaħ mill-ewwel vers tal-eqdem antifona jew innu lit-*Theotokos* u, bl-għajnuna ta' Sidtna Marija, *Sub Tuum Præsidium* intlaqgħet tajjeb ferm. Jixraq nenfasizza kemm instabet koperazzjoni biex inġabru 'l fuq minn ħamsin biċċa tal-arti ta' kalibru minn knejjes u kollezzjonisti privati. Kważi ma ċaħadna ħadd. Mhux biss, saħansitra kellna nirrifjutaw!

Joseph Borg ikkordina l-grupp li ħa ħsieb l-aspetti kollha, inkluż il-ġarr bl-attenzjoni meħtieġa. Insemmi li Charles Cassar ħares lejn l-aspett artistiku bħala kuratur, waqt li l-Kan. George J. Frendo ħa ħsieb l-aspett "teoloġiku" billi żied kwotazzjoni jew motto ma' kull xbieha f'itinerarju maqsum f'erba' sezzjonijiet jew temi (l-Inkarnazzjoni, Mudell ta' Dixxipulat, il-Misteru Paskwali, u l-Ġisem Mistiku) biex jissaħħaħ l-għan kateketiku.

Timpressjona l-lista tal-artisti rappreżentati fuq firxa ta' sekli, il-biċċa l-kbira permezz ta' kwadri taż-żejt, iżda kien hemm anki skulturi u oġġetti oħra tridimensjonali: Harry Alden, Willie Apap, Joseph Briffa, Michele Busuttil, Salvatore Busuttil, Mario Caffaro Rore, Giuseppe Cali, Salvatore Calleja, Austin Camilleri, Pawlu Camilleri Cauchi, Robert Caruana Dingli, Ettore Cercone, Gian Battista Conti, Emvin Cremona, Paul Deschwanden, Giovanni Farrugia, Manuel Farrugia, George Fenech, Otto Flath, Aaron Formosa, John Grima, Pierre Guillemin, Lazzaro Pisani, Joseph Sagona, George Scicluna, u Ġanni Vella. Barra minn hekk, ma kenux nieqsa dawk fejn l-awtur mhux identifikat sew.

Mal-wirja kien hemm ukoll riferenza ggwidata għal xogħlijiet li huma esibiti permanentement (inklużi eżempji ta' Gian Nikola Buhagiar, Wistin Camilleri, Carlo Ignazio Cortis, Filippino Dingli, Stefano Erardi, Tommaso Madiona, Giuseppe Pace, Enrico Regnaud, u Francesco Zahra). Bħala parti integrali żdiedet mappa tidentifika x-xbihat Marjani fil-Bażilika tagħna – kienu bosta dawk li kkummentaw li ma kellhomx idea kemm San Ġorġ hi parroċċa Marjana, ibda mill-Kunċizzjoni fil-faċċata! Laqat l-għajn ġmielu – għax konna nsejnieh – il-*Madonna di Maggio* fil-gwarniċ ċelebrattiv "ta' dari": ħriġnieh, ma' oħrajn, bħala kalamiti.

Jixraq insemmi l-istituzzjonijiet li silfuna l-opri: il-Lombard Bank; il-Parroċċi ta' Għajnsielem, Marsaxlokk, il-Qala, ix-Xagħra, iż-Żebbuġ, il-Katidral u San Ġorġ; il-komunitajiet tal-Agostinjani, Franġiskani u Kapuċċini; is-Seminarju u l-Kurja; il-Knisja ta' San Ġakbu; u Ta' Pinu stess. Peress li kien hemm min ipprefera jibqa' anonimu, mhux possibbli nirreferi għall-individwi kollha li offrew sapport!

Il-ħafna persuni u gruppi li żaruha u segwew l-ispjegi kien ta' sodisfazzjon għall-organizzaturi, u ta' dwejjaq għax fehmu li kien jixirqilha ddum miftuħa iktar! Iżda konna ntrabatna mas-sidien, u kellna impenji mal-esibituri ta' wara.

Biex l-esperjenza ma tibqax limitata biss għal dawk l-erba' ġimgħat mill-inawgurazzjoni fl-20 ta' Jannar, ippubblikajna ktieb fis-sensiela *Ħaġar Gems* b'mitt xbieha Marjana (inklużi dawk li hemm f'San Ġorġ u f'Il-Ħaġar). Inżid li dan in-numru 'tond' tfaċċa waħdu! Ir-ritratti ħa ħsiebhom Joseph Attard u l-qoxra hi illustrata b'mużajk fis-'sinsla' li tlaħħaq mas-sulari kollha tal-mużew tagħna, riproduzzjoni li konna kkummissjonajna lil Sergio Moruzzi minn Hagia Sofia.

S'issa ħarġu ħamsa oħra minn dawn il-kotba marbuta ma' wirjiet speċifiċi (Joseph Vella, Daniel Cilia, Teatru Astra, Ferroni & Coccetta, u Paul Haber). Kollha jikkonsistu f'diversi artikli f'sittin paġna bil-kulur u x'uħud għadhom jistgħu jinkisbu mill-Mużew stess.

Dan partikulari fih diversi studji dwar il-kult u l-arti Marjani. Mons. Isqof (li għoġbu jippresiedi l-inawgurazzjoni, waqt attività animata mil-Laudate Pueri) saħaq fuq l-importanza tal-arti liturġika u sagra fit-twemmin, b'tama li napprezzaw wirtna sew u l-bżonn li nkomplu.

Barra minn dan, l-2019 se nibqgħu niftakruha għal żewġ aspetti pożittivi oħra. L-ewwel kien ippjanat sa mit-twelid ta' Il-Ħaġar: fl-aħħar sibna min jindaħal biex jiżviluppa l-bejt skont il-permess tal-Awtorità. Idea 'ġdida' kienet li nużaw l-ispazju tal-'kantina', anki hawn bis-sehem ta' diversi.









# Il-Kuntratt tat-Twaqqif tal-Erba' Parroċċi

## (It-Tielet u l-aħħar Parti)

Horatio Caesar Roger Vella

*...jaqbad mill-ħarġa ta' qabel*

**It-Test bil-Latin** (ANV, R792-10)

Volumus tamen pro bono pacis, alijsque de causis animum nostrum digne moventibus privilegia, seu bullas hu[iusmo]di dismembrationis, seu disiunctionis, erectionum, collationu[m], ac respective unionis, seu verius subrogationis nullatenus expediri favore novorum Parochorum, et Rev[eren]do Archipraesbyteri, nec interim titulares nominari, nisi postquam casus vacationis dictae Par[ochia]lis Ecclesiae S[anc]ti Georgij dederit, cum nostra intentio sit quod omnes p[raedi]ctae provisiones unico contextu realem effectum sortiantur, et sortiri debeant absque actu possessoru[m] ullo praeiudicio, et non alias, al[ite]r nec alio modo \et cetera/. In Parochos autem, et Rectores supradictarum quatuor Regionum, sive Contrataru[m], earumque Ecclesiaru[m] Parochialiu[m] ibi existentiu[m], sive aliaru[m] de novo construendarum eligimus, et deputamus infrascriptos sacerdotes eiusdem Insulae Gaudisij, videlicet in Parochum, et Rectorem Regionis, sive Contratae S[anc]tae Margaritae ta Sannat, eiusque Ecclesiae Par[ochia]lis sub eodem titulo sacerdotem D[on] Lazzaru[m] Camilleri, pro cuius Populi commoditate eamdem Ecclesiam ampliari mandamus: Assignantes pro ipsiusmet Ecclesiae dote, et congrua Parochi sustentatione, prout in perpetuu[m] assignamus de, et ex spatijs publicis ab Em[inentissi]mo, et Rev[erendissi]mo D[omi]no Magno Magistro concessis spatium duorum tumonoru[m] circiter terreni collicolae denominatae di S[anto] Agostino, et spatiu[m] salmae unius circiter terreni sub rupibus tal Chaud nuncupatis; et ex bonis stabilibus Parochialis Ecclesiae S[anc]ti Georgij Rabati, sive Suburbij clausura[m] terrae appellatam ta Scilendi, et mandretta[m] positam in Rabato suis finibus limitatas: nec non primitias frumenti, et ordei, Iura stolae Parochianoru[m], aliaque omnia emolumenta Parochialia cum omnibus, et singulis honoribus, et oneribus, ut sup[radict]a. Limites verò huius Parochiae similiter in perpetuu[m] designamus, // [f. 9] // prout sequitur: Dalla marina detta del Migiarro Iscini dalla parte destra si sale colli limiti della Xeuchia vallone insino al fegosto magistrale ditto el ginien, che resta per l'Arcipretato, e caminando per d[ett]o fegosto per la strada tra il med[esim]o e le terre magistrali ta Leus, che si assegnano per q[ue]sto distretto si camina per la med[esim]a strada verso ponente, e lasciando d[ett]o fegosto ginien si pigliano le terre ta merciena di Fran[cesc]o Zimech, e degli heredi di Gio[vanni] Pietro Cuscheri, e da merciena si prende la strada tra le terre magistrali detti Siclani, che la parte destra resti per l'Arcipretato, e la sinistra per q[ue]sto ristretto, nel quale s'intendano comprese la sud[dett]a contrata ta Sannat con sue pertinenze, cioè monsciar, e ras el baida. In Parochu[m], et Rectorem Regionis, sive Contratae S[anc]ti Antonij de la Caccia Sacerdotem D[on] Bernardum Formosa, et pro eius Populi commoditate Ecclesia[m] Parochialem in spatio publico secus Domos Dominici Bigeni, Dominici Xerri, Antonij Pace, Laurentij Vella, Alexandri Refalo, et alioru[m] construi mandamus: Assignantes pro eiusdem Ecclesiae dote, et congrua Parochi sustentatione, prout in perpetuu[m] assignamus de et ex

**It-Traduzzjoni għall-Malti** (ANV,R792-10)

Imma nixtiequ għall-ġid tal-paċi u dwar kawżi oħrajn li jqanqlu b'mod denn lill-menti tagħna, li l-privileġġi jew il-bolol ta' din id-diżmembrazzjoni, jew tal-firda, tat-twaqqif, tal-kontribuzzjonijiet u tal-unjoni rispettivament, jew aħjar tas-sostituzzjoni, ma jitwettqu bl-ebda mod a favur il-Kappillani ġodda u għar-Reverendu Arċipriet, lanqas sadanittant jiġu nominati titulari, jekk mhux wara li jkun seħħ il-każ ta' vakazzjoni tal-imsemmija Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, peress li l-intenzjoni tagħna hi li l-ġa msemmija proviżjonijiet kollha jiġu deċiżi għall-effett reali f'unità singulari, u għandhom jiġu deċiżi mingħajr att ta' possessuri, ebda preġudizzju, u mhux mod jew manjiera differenti, lanqas b'mod ieħor u l-bqija. Imma għażilna u kkunsidrajna l-qassisin miktuba isfel tal-istess Gżira ta' Għawdex f'Kappillani u Retturi tal-erba' Reġjuni jew inħawi msemmija fuq, u tal-Knejjes Parrokkjali tagħhom li jeżistu hemm, jew ta' oħrajn li għandhom jinbnew mill-ġdid, jiġifieri, f'Kappillan u Rettur tar-Reġjun jew inħawi ta' Santa Margerita Ta' Sannat u tal-Knisja Parrokkjali tiegħu taħt l-istess titlu lill-qassis Dun Lazzru Camilleri, li għall-kumdità tal-poplu tiegħu nordnaw li l-istess knisja titkabbar: waqt li nassenjaw bħala dota tal-knisja nnifisha u bħala sostenn li jixraq tal-Kappillan, kif nassenjaw għal dejjem minn spazji pubbliċi konċessi mill-Wisq Eminenti u Reverendu Sinjur Gran Mastru spazju ta' madwar żewġ tomniet ta' terren li jokkupa għolja msejħa "Ta' Santu Wistin", u spazju ta' madwar salma waħda ta' terren taħt il-blat imsejjaħ "Tal-Ħawt"; u mill-proprjetajiet tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat, jew tas-Subborg għalqa msejħa "Tax-Xlendi", u mandra żgħira li tinsab fir-Rabat, (it-tnejn) limitati bil-konfini tagħhom: kif ukoll l-ewwel (prodott) tal-qamħ u tax-xgħir, drittijiet tal-istola tal-parruċċani, u gwadann Parrokkjali ieħor kollu bl-unuri kollha u l-piżijiet, kif (imsemmija) fuq. Imma nimmarkaw għal dejjem il-limiti ta' din il-Parroċċa b'mod simili // [f. 9] // kif ġej: mill-kosta msejħa "Tal-Imġarr ix-Xini", min-naħa tal-lemin wieħed jitla' mal-limiti tax-Xewkija mill-wied sal-wita maġisterjali msejjaħ "il-ġnien", li jibqa' għall-Arċipretat, u waqt li jimxi tul l-imsemmi wita tul it-triq bejn l-istess u l-artijiet maġisterjali "Ta' Lewż", li jingħataw għal dan id-distrett, wieħed jimxi tul l-istess triq lejn il-Punent, u waqt li jħalli warajh l-imsemmi wita "l-ġnien", jaqbad l-artijiet "Ta' Merċiena" ta' Franġisku Zimech u tal-eredi ta' Ġwanni Pietru Cuschieri, u minn Merċiena wieħed jieħu t-triq bejn l-artijiet maġisterjali msejħa "Siklani", li l-parti tal-lemin għandha tibqa' għall-Arċipretat, u tax-xellug għal dan id-distrett. Minn dawn (l-artijiet) wieħed jinżel tul il-wied imsejjaħ "Ta' Xlendi" sal-kosta eżatt bħalma l-ilma jinżel sal-baħar, dejjem il-parti tal-lemin tibqa' għall-Arċipretat u tax-xellug għal dan id-distrett, li fih huma għandhom l-intenzjoni li jagħmlu l-ġa msemmi nħawi Ta' Sannat bil-partijiet li jagħmlu magħha, jiġifieri, il-Munxar u Ras il-Bajda. F'Kappillan u Rettur tar-Reġjun jew inħawi ta' Sant'Antnin tal-Kaċċa (għażilna u kkunsidrajna) lill-qassis Dun Bernard Formosa, u għall-kumdità tal-poplu tiegħu nordnaw li tinbena Knisja Parrokkjali fi spazju pubbliku ħdejn id-djar ta' Duminku Bigeni, Duminku Xerri, Antonju Pace, Lawrenz Vella, Alessandru Refalo u oħrajn: waqt li nassenjaw għad-dota tal-istess knisja u sostenn xieraq tal-Kappillan, kif nassenjaw għal dejjem minn spazji pubbliċi konċessi mill-Wisq Eminenti

spatijs publicis ab Em[inentissi]mo, et Rev[erendissi]mo D[omi]no Magno Magistro concessis spatium salmae unius cum dimidio terreni sub rupibus ta ferden nuncupatis, et spatiu[m] salmae unius terreni in contrata vulgo xaheret el hassenin; et ex bonis stabilibus Parochialis Ecclesiae S[anc]ti Georgij clausura[m] terrae appellata[m] ta xindini suis finibus limitatam: Nec non primitias frumenti et ordei, Iura stolae Parochianoru[m], aliaque emolumenta Parochialia cum omnibus, et singulis honoribus, et oneribus prout supra. Limites verò huius Parochiae similiter in perpetuu[m] designamus, prout sequitur, videlicet Dalla marina di marsalforno ascendendo col vallone del med[esim]o nome di marsalforno lasciando la destra per il Zebug, e la sinistra per q[ue]sto ristretto e seguitando sino le terre dette gionna degli heredi del fù Gio[vanni] Pietro Cuscheri, che // [f. 10] // sono dei limiti del Zebbug dalla destra, dalla sinistra però sino le terre dette Sirug di Paolo Cassar, che vengono in q[ue]sta contrada, e seguitando coll'istesso vallone si passa per il gued ta belliha sino il terreno detto chabel di Paolo Testaferrata, ita che da dette gionna sino questo terreno la parte destra resti per l'Arcipretato, e la sinistra per q[ue]sta contrada, et in d[ett]a parte sinistra s'includa il fego della fond[azio]ne Lascaris, e caminando per il vallone detto di S[an] Leonardo, che viene sotto il med[esim]o fego si passa per la strada di d[ett]o fego trà le terre dette ta Canfut da sinistra, che s'includano in q[ue]sto ristretto, e per la parte destra il terreno del med[esim]o fego detto ta duien, che resta per l'Arcipretato, e seguitando l'istessa strada per Levante si passa per la strada, che viene trà il terreno detto ta brandin della d[ett]a fondaz[ion]e Lascaris per la parte sinistra, che s'intenda di q[ue]sto ristretto, e per la parte destra il terreno ta frostier del Can[onic]o D[on] Gio[vanni] Bat[tis]ta Apap, che resta per l'Arcipretato, si cala appresso per la vallicata della ramla, con che la parte sinistra s'intenda compresa in q[ue]sti limiti, e con esti s'includono li giardini detti *le fontane beneficiali*, e la destra resti per l'Arcipretato, et in q[ue]sta viene la montagna ta noffara insino gued Karruba, nel quale finiscono li limiti dell'Arcipretato compresa la parte destra di detto gued Karruba, e calando col med[esim]o vallone per la ramla verso tramontana la parte destra resti per la Cala, e la sinistra per q[ue]sta contrada, e seguitando del med[esim]o modo col vallone insino la marina ta ramla, con che la parte destra sij della Cala e la sinistra dove viene il ferden per q[ue]sta contrada, et in questo ristretto si comprende detta contrada della Caccia con sue pertinenze, cioè el Hiun, ta ferden, la pergola e Lalzien. In Parochum, et Rectorem Regionis, sive contratae S[anctae] Mariae de la Cala Sacerdotem D[on] Bernardum Haber, et pro eius Populi commoditate Ecclesia[m] Parochialem in spatio publico dicto ta Nadur secus // [f. 11] // domos ibi existentes construi mandamus: Assignantes pro eiusdem Ecclesiae dote, et congrua Parochi sustentatione, prout in perpetuu[m] assignamus de, et ex spatijs publicis ab Em[inentissi]mo, et Rev[erendissi]mo D[omi]no Magno Magistro concessis spatium unius salmae cum dimidio circiter terreni in monte nuncupato ta Nadur, et spatium tumulorum quatuor circiter terreni subtus praefati montis clivu[m]; et ex bonis stabilibus Ecclesiae Parochialis S[anc]ti Georgij Suburbij, sive Rabati clausuram terrae appellata[m] tal migiar, et mandrettam nuncupatam de S[ancto] Augustino suis finibus limitatas: Nec non primitias frumenti, et ordei, Iura Stolae Parochianorum, aliaque emolumenta Parochialia cum omnibus, et singulis honoribus, et oneribus, prout supra. Limites verò eiusdem Parochiae similiter in perpetuu[m] designamus, prout sequitur videlicet Dalla spiaggia del

u Reverendu Sinjur Gran Mastru spazju ta' salma waħda u nofs ta' terren taħt il-blat imsejjaħ "Ta' Ferden", u spazju ta' salma waħda ta' terren fl-inħawi magħruf bħala "Xagħret il-Għażżenin"; u mill-proprjetajiet tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ għalqa msejħa "Ta' Xindini" limitata bil-konfini tagħha: kif ukoll l-ewwel tal-qamħ u x-xgħir, id-drittijiet tal-istola tal-parruċċani, u gwadann ieħor Parrokkjali b'kull unuri u piżijiet kif (muri) fuq. Imma b'mod simili nimmarkaw għal dejjem il-limiti ta' din il-Parroċċa, kif ġej, jiġifieri, mill-kosta ta' Marsalforn wieħed jitla' mal-wied tal-istess isem ta' Marsalforn, waqt li jħalli warajh il-lemin għaż-Żebbuġ, u x-xellug għal dan id-distrett, u waqt li jkompli sal-artijiet imsejħa "l-ġonna" tal-eredi tal-mibki Ġwanni Pietru Cuschieri, li // [f. 10] // huma tal-limiti taż-Żebbuġ fuq il-lemin, imma fuq ix-xellug sal-artijiet imsejħa "Sruġ" ta' Pawlu Cassar, li jaqgħu f'dawn l-inħawi, u waqt li jkompli mal-istess wied, jgħaddi tul il-wied Ta' Belliegħa sat-terren imsejjaħ "Ħabel ta' Pawlu Testaferrata", b'tali mod li mill-imsejħa "ġonna" sa dan it-terren, il-parti tal-lemin għandha tibqa' għall-Arċipretat, u x-xellug għal dawn l-inħawi, u fl-imsemmija parti tax-xellug wieħed jinkludi l-wita tal-Fondazzjoni Lascaris, u waqt li wieħed jimxi tul il-wied imsejjaħ "Ta' San Leonardu", li jiġi taħt l-istess wita, wieħed jgħaddi tul it-triq tal-imsejħa wita bejn l-artijiet imsejħa "Ta' Qanfud" fuq ix-xellug, li huma inklużi f'dan id-distrett, u tul il-parti tal-lemin, it-terren tal-istess wita imsejjaħ "Ta' Dwin", li tibqa' għall-Arċipretat, u waqt li wieħed ikompli l-istess triq lejn il-lvant, jgħaddi mit-triq li tiġi bejn it-terren imsejjaħ "Ta' Brandin" tal-imsemmija Fundazzjoni Lascaris tul il-parti tax-xellug, li għandha tkun intenzjonata għal dan id-distrett, u tul il-parti tal-lemin it-terren "Ta' Frustier" tal-Kanonku Dun Ġwanni Battista Apap, li jibqa' għall-Arċipretat; wieħed jinżel tul il-wied tar-Ramla, li bih il-parti tax-xellug għandha tkun intenzjonata li tkun inkluża f'dawn il-limiti, u magħhom ikunu inklużi l-ġonna msejħa "L-Għejun Benefiċjali", u l-lemin għandu jibqa' għall-Arċipretat, u f'din tinstab l-muntanja "Ta' Nuffara" sa Wied Ħarruba, li fih jispiċċaw il-limiti tal-Arċipretat, inkluża l-parti tal-lemin tal-imsemmi Wied Ħarruba, u waqt li wieħed jinżel tul l-istess wied għar-Ramla lejn it-Tramuntana, il-parti tal-lemin għandha tibqa' għall-Qala, u x-xellug għal dan l-inħawi, u waqt li wieħed ikompli bl-istess mod mal-wied sal-kosta Ta' Ramla, bil-parti tal-lemin ikunu tal-Qala u x-xellug, fejn jinsab il-Ferdien, għal dan l-inħawi, u f'dan id-distrett wieħed jifforma l-imsemmi nħawi Tal-Kaċċa bil-partijiet li jagħmlu magħha, jiġifieri, Ta' Għejun, Ta' Ferdien, il-Pergola u l-Aħżien. F'Kappillan u Rettur tar-Reġjun jew inħawi ta' Santa Marija tal-Qala (nagħżlu u nikkunsidraw) lill-qassis Dun Bernard Haber, u għall-kumdità tal-poplu tiegħu nordnaw li tinbena Knisja Parrokkjali fi spazju pubbliku msejjaħ "Ta' Nadur" ħdejn // [f. 11] // id-djar eżistenti hemmhekk: waqt li nassenjaw għad-dota tal-istess knisja u sostenn xieraq tal-Kappillan, kif nassenjaw għal dejjem, mill-ispazji pubbliċi konċessi mill-Wisq Eminenti u Reverendu Sinjur Gran Mastru spazju ta' madwar *salma* waħda u nofs ta' terren fuq il-muntanja msejħa "Ta' Nadur", u spazju ta' madwar erba' tomni ta' terren taħt ix-xaqliba tal-ġa msemmija muntanja; u mill-proprjetajiet tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tas-Subborg, jew tar-Rabat, għalqa msejħa "Tal-Imġarr", u mandra żgħira msejħa "Ta' Santu Wistin" limitati bil-konfini tagħhom: kif ukoll l-ewwel tal-qamħ u x-xgħir, id-drittijiet tal-Istola tal-Parruċċani u gwadann ieħor Parrokkjali bl-unuri kollha u piżijiet, kif (muri) fuq. Imma b'mod simili nimmarkaw il-limiti tal-istess Parroċċa għal dejjem, kif ġej, jiġifieri, mix-xatt tal-baħar, jew mill-kosta msemmija "Ta' Ramla", waqt li wieħed jitla' mal-wied, li jinżel sal-imsemmija kosta, sa Wied Ħarruba, u minn Wied Ħarruba wieħed jitla' mal-wied Ta' Xħajma, u minn dan idur għat-triq ta' bejn il-wita maġistrali bejn Ħabel Isserija l-Kbir u l-wita maġistrali Ta' Ħamet, waqt li jinkludi f'dawn il-limiti l-imsemmi Ħabel Isserija l-Kbir u l-artijiet

mare, o sia dalla marina detta ta Ramla salendo col vallone, che scende a d[ett]a marina sino a gued Karruba, e da gued Karruba salendo col vallone ta Xihaima, e da q[ue]sto tirando alla strada tra il fego magistrale tra habel isseria il chibir, et il fego magistrale ta Kamed includendo in q[ue]sti limiti detto Kabel isseria il chibir, e le terre mag[isteria]li ta barmil, e rompendo per mano sinistra con dette terre ta barmil caminando per la strada del migiarro, e colli limiti della Xeuchia insino la marina del migiarro comprendendosi in q[ue]sto ristretto la sud[dett]a contrata tal Cala con sue pertinenze, cioè Nadur, Comino, e Ramla. In Parochum, et Rectorem Regionis, sive contratae S[anc]tae Mariae Virtutum sive Assumptionis del Zebug, eiusque Ecclesiae sub eodem titulo Sacerdotem D[on] Franciscum Vella ultimu[m] in Praesbyteratu promotu[m] pro cuius Populi commoditate eamdem Ecclesia[m] ampliari mandamus: Assignantes pro eiusdem Ecclesiae dote, et congrua Parochi sustentatione prout in perpetuu[m] assignamus de et ex spatijs publicis ab Em[inentissi]mo, et Rev[erendissi]mo D[omi]no Magno Magistro concessis spatiu[m] // [f. 12] // iuxta locum Patibuli tumunoru[m] quatuor circiter terreni, et spatiu[m] in vallone ta' ramla salmae unius circiter terreni; et ex bonis stabilibus Parochialis Ecclesiae S[anc]ti Georgij clausura[m] terrae appellata[m] ta Hain abdun, et clausura[m] terrae dicta[m] ta Noffara suis finibus limitatas: Nec non primitias frumenti, et ordei, Iura Stolae Parochianoru[m], aliaque emolumenta Parochialia cum omnibus, et singulis honoribus, et oneribus prout supra. Limites verò eiusdem Parochiae similiter in perpetuu[m] designamus, prout sequitur videlicet Dalla marina detta ta gued el mielach costeggiando colli limiti del Garbo si arriva sin al fegotto Aldana, ch'è delle pertinenze del Garbo dalla destra, e alle terre beneficiali oggi possedute da Don Paolo Madiona, e alle terre ta Sideri alla sinistra, che restano per q[ue]sta contrada ta Zebug, e caminando per Levante alla strada, che và per la montagna ta Hammar, quale per la parte destra resta all'Arcipretato, e per la sinistra viene a q[ue]sto ristretto comprese le terre de Padri Giesuiti, e caminando per la med[esim]a strada insino la Torre del fù Ill[ustre] D[otto]r Simone Farmosa continuando verso la Chiesa diruta di S[anto] Elmo, lasciando per la destra le terre della fù Sig[no]ra Cosmana Navarra, che restano all'Arcipretato, e da sinistra per q[ue]sta contrada le terre delli Can[oni]ci Don Gio[vanni] Bat[tis]ta, e D[on] Tomaso Gauci si entra al vallone di gued sara sino alle terre, e ricetto del terreno appellato el vuelgia del D[otto]r Salvatore Mangion, e da q[ue]sto si prende il camino verso la montagna ta Zebug sino al harrax, che per mano destra resta all'Arcipretato, e per la sinistra a q[ue]sti limiti, e calando sino alle terre dette gionna degli heredi di Gio[vanni] Pietro Cuscheri, che vengono per la sinistra, e restano per q[ue]sti limiti si seguita sino al Vallone che và à Marsalforno, e calando coll'istesso Vallone sino alla marina, che và al Zebug, che per la parte sinistra rimane per questi limiti, e la destra per la contrada di Santo // [f. 13] // Antonio della Caccia, et in q[ue]sto ristretto viene, e si comprende d[ett]a contrada ta Zebug con sue pertinenze, cioè gued el hasri giordan, migieles Dabrani, e Cogliat. Salva Nobis et reservata in praemissis, et eorum singulis facultatu[m] declarandi, et corregendi, substantia rei non immutata: Salvo et quatenus opus sit consensu pariter, et assensu Apostolico, et non aliter \et cetera/

Datum in Pal[ati]o n[ost]ro Ep[iscopa]li Civitatis Vallettae die vigesima octava mensis Aprilis millesimo sexcentesimo octuagesimo octavo. Fr[ater] David Ep[iscop]us Meliten[sis].

maġistrali Ta' Barmil, u jikser fuq in-naħa tax-xellug mal-imsemmija artijiet Ta' Barmil, waqt li jimxi tul it-triq tal-Imġarr u mal-limiti tax-Xewkija sal-kosta tal-Imġarr, waqt li jinkludi f'dan id-distrett il-ġa msemmija nħawi tal-Qala bil-partijiet li jagħmlu magħha, jiġifieri, in-Nadur, Kemmuna u r-Ramla. F'Kappillan u Rettur tar-Reġjun jew inħawi ta' Santa Marija tal-Virtujiet jew tal-Assunzjoni taż-Żebbuġ u tal-knisja tiegħu taħt l-istess titlu (nagħżlu u nikkunsidraw) lill-qassis Dun Franġisk Vella, l-aħħar wieħed promoss fil-presbiterat, li għall-kumdità tal-poplu tiegħu nordnaw li titkabbar l-istess knisja: waqt li nassenjaw għad-dota tal-istess knisja u sostenn xieraq tal-Kappillan, kif nassenjaw għal dejjem minn spazji pubbliċi konċessi mill-Wisq Eminenti u Reverendu Sinjur Gran Mastru spazju // [f. 12] // ħdejn il-post tal-patibulu madwar erba' tomniet ta' terren, u spazju fil-Wied tar-Ramla ta' madwar *salma* waħda ta' terren; u mill-proprjetajiet tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ għalqa msejħa "Ta' Għajn Abdul", u għalqa msejħa "Ta' Nuffara" limitati bil-konfini tagħhom: kif ukoll l-ewwel tal-qamħ u x-xgħir, id-drittijiet tal-Istola tal-Parruċċani u gwadann ieħor Parrokkjali bl-unuri kollha u piżijiet kif (muri) fuq. Imma nimmarkaw b'mod simili l-limiti tal-istess Parroċċa għal dejjem, kif ġej, jiġifieri, mill-kosta ta' Wied il-Mielaħ, waqt li wieħed jimxi miegħu mal-limiti tal-Għarb, jasal sal-wita ċkejkna Aldana, li jagħmel parti mal-Għarb fuq il-lemin, u sal-artijiet benefiċjali llum ipposseduti minn Dun Pawl Madiona, u sal-artijiet Ta' Sdieri fuq ix-xellug, li jibqgħu għal dawn l-inħawi taż-Żebbuġ, u waqt li jimxi tul il-lvant sat-triq li tmur għall-muntanja Ta' Għammar, liema fil-parti tal-lemin tibqa' għall-Arċipretat, u fuq ix-xellug tiġi għal dan id-distrett, li jinkludi l-artijiet tal-Patrijiet Ġiżwiti, u waqt li wieħed jimxi tul l-istess triq sat-Torri tal-mibki Illustri Duttur Xmun Formosa, waqt li jkompli lejn il-Knisja mwaqqgħa ta' Sant'Iermu, waqt li jħalli fuq il-lemin l-artijiet tal-mibkija Sinjura Kożmana Navarra, li jibqgħu għall-Arċipretat, u fuq ix-xellug għal dan l-inħawi l-artijiet tal-Kanonċi Dun Ġwanni Battista u Dun Tumas Gauci, wieħed jidħol f'Wied Sara sal-artijiet u daħla ta' terren imsejjaħ "Il-Wilġa" tad-Duttur Salvu Mangion, u minn dan wieħed jieħu l-passaġġ lejn il-muntanja taż-Żebbuġ sal-Ħarrax, li fuq in-naħa tal-lemin jibqa' għall-Arċipretat, u fuq ix-xellug għal dawn il-limiti, u waqt li jinżel sal-artijiet imsejħa "l-Ġonna" tal-eredi ta' Ġwanni Pietru Cuschieri, li jiġu fuq ix-xellug u jibqgħu għal dawn il-limiti, ikompli sal-wied li jmur sa Marsalforn, u waqt li wieħed jinżel mal-istess wied sal-kosta li tmur saż-Żebbuġ, li fuq il-parti tax-xellug tibqa' għal dawn il-limiti, u l-lemin għall-inħawi ta' Sant' // [f. 13] // Antnin tal-Kaċċa, u tiġi f'dan id-distrett, u jinkludi l-imsemmi nħawi taż-Żebbuġ bil-partijiet li jagħmlu magħhom, jiġifieri, Wied il-Għasri, il-Ġordan, l-imġieles Dabrani u Kuljat. Minbarra (mid-dritt) ukoll riżervat Lilna f'dak li ntqal qabel, u kull waħda mill-fakultajiet tagħhom li wieħed jiddikjara u jikkoreġi, waqt li s-sustanza tal-ħaġa ma tkunx mibdula: u barra l-kunsens u ugwalment il-qbil Appostoliku, fejn tidħol il-ħtieġa, u mhux mod ieħor u l-bqija.

Mogħti fil-Palazz Episkopali tagħna tal-Belt Valletta fit-28 tax-xahar ta' April, elf, sitt mija u tmienja u tmenin. Fra Davide, Isqof ta' Malta.

**Lista ta' Abbrevjazzjonijiet**

AAM: Arkivju Arċiveskovili Malta
AKM: Arkivju Katidral Malta
AKGħ: Arkivju Katidral Għawdex
ANV: Arkivju Notarili Valletta
*AO*: *Acta originalia*
APŻ: Arkivju Parrokkjali Żebbuġ
ASP: Archivio di Stato, Palermo
*CEM*: *Curia Episcopalis Melitensis*
LNM: Librerija Nazzjonali Malta

## Nifirħu lil...

• **Paul Zammit**, kollaboratur pastorali fil-parroċċa tagħna u eks President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, li f'Marzu ġie maħtur President tal-Assoċjazzjoni Friends of the Sick and Elderly in Gozo.



• **Patri Etienne Gilson** OFMCONV, membru tal-komunità Franġiskana Konventwali tal-Belt Victoria u katekista fil-parroċċa tagħna, li fid-9 ta' Ġunju ngħata l-ministeru tal-Lettorat fil-Knisja ta' San Franġisk minn Patri George Zammit, Provinċjal tal-Franġiskani Konventwali Maltin.

*Ritratt: Scerri Photo Studios*



• **Anton Zammit**, wieħed mill-aktar voluntiera attivi li kellha l-Parroċċa Ġorġjana fl-aħħar għexieren ta' snin, u għal bosta oħra membru tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira, li f'Mejju ngħata Ġieħ il-Belt Victoria mill-Kunsill Lokali ta' beltna. Nieħdu l-okkażjoni wkoll biex nifirħu lis-Sindku l-ġdid is-Sur Josef Schembri u l-membri eletti fuq il-Kunsill Lokali l-ġdid tal-Belt Victoria f'Mejju li għadda.

• **Dun Simon M. Cachia**, saċerdot mill-parroċċa tagħna, Delegat tal-Isqof għall-Katekeżi u Kollaboratur fil-Presbiterju Parrokkjali ta' Għajnsielem, li fit-23 ta' Lulju rċieva n-nomina mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.



• **Wallace Camilleri**, wieħed mil-*leaders* tal-Grupp 23four u voluntier attiv fil-parroċċa tagħna, li lejn l-aħħar ta' Lulju rċieva l-konferma li ġie milqugħ mis-Seminarju ta' Għawdex biex jibda l-formazzjoni propedewtika tiegħu.

## Insellmu lil...



• **Pawlu Mizzi**, Missier il-Ktieb Malti modern, fundatur tal-Klabb Kotba Maltin u Midsea Publications, benefattur kbir tal-Bażilika Ġorġjana bil-kitbiet tiegħu dwar l-istorja tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment bl-istudju *Il-Parroċċa ta' Għawdex* u l-ktejjeb-gwida dwar il-Bażilika ta' San Ġorġ, li miet fil-5 ta' Awwissu, fl-għomor ta' 89 sena.

## PELLEGRINAĠĠ PARROKKJALI F'LOURDES

5-9 ta' Awwissu 2019



**DONAZZJONIJIET**

Paul Grech (il-Belt Victoria) – €20 b'suffraġju ta' Carmelo u Mariġwann Grech

Maria Zammit (St Albans, Australia) €10

# Pawlu Mizzi (1929-2019): tislima lill-istoriku Ġorġjan u Missier il-Ktieb Malti modern

Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet

Fil-5 ta' Awwissu 2019 ħa l-aħħar nifsijiet tiegħu Pawlu Mizzi, magħruf bħala Missier il-Ktieb Malti modern, imma għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, wieħed mill-akbar benefatturi tagħha, awtur tal-istudju soċjo-kulturali *Il-Parroċċa ta' Għawdex*. Il-Funeral tiegħu, fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina, fejn hu għex flimkien ma' martu Marija, sar fit-8 ta' Awwissu u tmexxa minn Mons. Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet tal-Bażilika Ġorġjana, li f'isimna jsellimlu b'dan l-apprezzament li qed nippubblikaw.



L-ewwel darba li smajt b'Pawlu Mizzi kien meta, daqs erbgħin sena ilu, il-Kavallier Joe M. Attard avviċinani biex iħajjarni ninkiteb fil-Klabb Kotba Maltin li s-Sur Pawl kien għadu kif waqqaf. Inktibt u għadni sal-lum inħares l-ewwel kotba bil-Malti ppubblikati minnu.

Mas-snin imbagħad lil Pawlu sirt nafu aktar... permezz tal-pubblikazzjonijiet dejjem aktar numerużi u lussużi, inizjattivi kulturali bħal dawk f'għieħ Laurent Ropa u Mary Meylak, kitbiet ta' karattru storiku u soċjali, u l-aktar permezz ta' kuntatti personali miegħu u mal-familja tiegħu li malajr warrdu fi ħbiberija kbira miegħu u ammirazzjoni lejh.

L-ammirazzjoni lejn Pawlu Mizzi kienet fenomenu nazzjonali, u dan deher fis-sehem straordinarju ta' poplu, l-aktar ta' intellettwali, fil-funeral li sarlu fil-Knisja Katidrali tal-Imdina, il-belt fejn għal bosta snin kien ilu joqgħod.

Għalkemm kien emigra minn Għawdex lejn Malta minħabba l-istudju universitarju u x-xogħol, meta t-trasport bejn iż-żewġ gżejjer ma kienx tali li jippermetti t-traġitt ta' kuljum bil-konsegwenza li l-familja jkollha ssofri, Pawlu qatt ma nesa l-għeruq soċjali tiegħu. Kien Għawdxi, baqa' Għawdxi u dejjem ftaħar li kien Għawdxi.

U Għawdex gawda minn din l-imħabba tiegħu lejn gżiret twelidu. Għawdex, imma mhux Għawdex biss, gawda mill-ġieħ ta' kull xorta li akkwista, mill-battalji kulturali li ġġieled, mill-intelliġenza raffinata li kellu, mill-oqsma ta' tagħrif li magħhom identifika ruħu, mir-riċerka approfondita li għamel fl-istorja, mill-oriġinalità ta' metodu ta' ħsieb u azzjoni li kellu, mill-konvenzjonijiet iġġammjati li kisser u mis-sensibbiltà li kellu għall-viżjoni globali fuq kulma kien jara.

Minħabba dan kollu Pawlu Mizzi kellu influss qawwi fuq il-kultura ta' pajjiżna u effettivament influwenza ħafna nies, fosthom żgħażagħ, bħalma kont jien fis-snin sebgħin u tmenin.

Jien m'għandix dubju li parti kbira minn dak li jien hu rifless tal-imħabba tiegħu għall-ilsien Malti u għall-istorja soċjali ta' Għawdex, storja li Pawlu kien jaqraha fl-isfond Braudelljan tal-kurrenti u l-imwieġ tal-Mediterran. Hu kien ifittex is-sens ta' Għawdex fil-kurrenti u l-imwieġ soċjali, reliġjużi u drammatiċi li sawru ċ-ċiviltà Mediterranja u għamlu minn Għawdex speċi ta' mikrokożmu tagħha.

Dak li kien jara fl-istorja jiena kont narah fit-teoloġija. Ma nistax nidħol fil-fond ta' dan hawnhekk. Insemmi biss



It-tieġ ta' Pawlu Mizzi u Maria Scicluna fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fis-26 ta' Diċembru 1956. *Ritratt: Midsea Publications*

id-diskussjonijiet li kien ikollna fuq it-tifsira ta' termini semitiċi bħall-kelma "ħaġar", kelma li għandna għeruqha fil-Berbru, fil-Bibbja u fl-istorja soċjali Mediterranja. F'dawn id-diskussjonijiet kont indaħħal kollegi fl-Università u studjużi bħall-mibki, Għawdxi bħalna, Patri Eġidju tal-Konventwali.

Kien frott dawn id-diskussjonijiet li meta kien wasal il-mument li nsibu isem għall-mużew li l-Fondazzjoni Belt Victoria kienet qed issawwar jiena mill-ewwel ridt li dan ikun *Il-Ħaġar*. Meta lil Pawlu għidtlu b'dan, tar bil-ferħ.

Mal-identità Maltija li kellu, u dik Għawdxija li kienet tarrikkiha, Pawlu kellu wkoll identità – kif ngħidu f'Għawdex – Ġorġjana. Mhux fis-sens superfiċjali tal-"vivasanġorġ" fiċ-ċapċipa tal-Festa, imma fis-sens profond tal-Parroċċa ta' San Ġorġ bħala għajn ta' identità reliġjuża, soċjali u kulturali.

Pawlu, fuq kollox, kien bniedem tal-Knisja u dwar dan tkellimt, jekk mhux fit-tul imma b'mod profond, fl-omelija li għamilt waqt il-quddiesa tal-funeral tiegħu fl-Imdina.

Ħaqqu monument. Imma l-monument tiegħu jinsab fil-wirt li ħalla fl-identità kulturali ta' pajjiżna, wirt li bih Għawdex stagħna u għoliet ukoll il-parroċċa għażiża tagħna.



Flimkien ma' Mons. Ġużeppi Farrugia, Kuratur tal-Mużew Il-Ħaġar, ħutu Toni u Frankie, u ibnu Joseph, fit-tnedija tal-ktieb-gwida tal-Bażilika ta' San Ġorġ fl-istess mużew, Novembru 2014.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Mejju – Awwissu 2019

*Andrew Formosa*



**» 1 ta' Mejju**

**Filgħodu:** Il-Parroċċa organizzat nofstanhar flimkien għall-familji tat-tfal li kienu ħa jirċievu l-Griżma tal-Isqof u l-Ewwel Tqarbina. Dan fetaħ b'quddiesa fil-Knisja arċipretali taż-Żebbuġ minn Dun Noel Debono, li mbagħad mexxa wkoll mument għall-ġenituri, waqt li t-tfal kellhom laqgħat apposta għalihom fl-Iskola Primarja taż-Żebbuġ. Kollox intemm b'ikla flimkien.



**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fil-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Għall-okkażjoni nħarġet għall-qima fil-Bażilika l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol Wistin Camilleri.

**» 2 ta' Mejju**

**07.30pm:** Reġa' beda jiltaqa' l-grupp tal-Lectio Divina mmexxi minn Patri Peter Paul Cachia OSA wara li kien waqaf għal żmien ir-Randan u l-Għid.

**» 9 ta' Mejju**

**05.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, indirizza lill-ġenituri u wliedhom kandidati għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof, fis-Sala Parrokkjali.

**» 11-12 ta' Mejju**

Fi Pjazza San Ġorġ inżammet l-attività *SpringFest* bi ġbir ta' fondi għall-parroċċa.

**» 16 ta' Mejju**

**08.00pm:** Bdew il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ immexxija mill-Arċipriet. Din is-sena l-Parroċċa ħadet l-inizjattiva li tiżdied quddiesa oħra filgħaxija, fit-8.00pm, biex takkomoda lil dawk li jaħdmu u lill-familji ż-żgħar. F'din il-quddiesa tal-Ħamis ta' San Ġorġ, kull darba sar talb speċjali għal familji ta' toroq partikulari fil-parroċċa.



**» 19 ta' Mejju**

**11.00am:** Mons. Isqof amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil 24 adoloxxent.

**07.00pm:** Fil-quddiesa qasmet l-esperjenza tagħha Sr Lux Marie Grech MC, li hi min-Nadur u hi missjunarja fl-Etjopja. Fl-istess jiem hi kellmet ukoll lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa fil-laqgħat tagħhom.

**» 25 ta' Mejju**

**06.00pm:** L-Arċipriet amministra l-Ewwel Tqarbina lil 37 tifel u tifla.

**» 31 ta' Mejju**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa quddiesa li biha nfetħu l-Kwaranturi Solenni u wara kompliet l-espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament tul il-ġurnata fil-Bażilika.

**06.00pm:** Fil-Qasam tal-Museum tas-Subien sar festin għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.

**06.30pm:** Sar il-kant tal-Għasar u wara l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fl-għeluq tal-ewwel jum tal-Kwaranturi.

**» 1 ta' Ġunju**

**09.00am:** Mons. Feliċ Tabone mexxa quddiesa li biha ngħata bidu għall-espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament tul il-ġurnata.

**06.30pm:** Sar il-kant tal-Għasar u wara l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni tat-tieni jum tal-Kwaranturi Solenni.

**08.30pm:** Saret quddiesa u warajha kompliet l-adorazzjoni solenni quddiem Ġesù Ewkaristija sal-quddiesa ta' nofsillejl.

**» 2 ta' Ġunju**

**05.00pm:** Mons. Isqof mexxa fil-Bażilika Konċelebrazzjoni Pontifikali bis-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral u dak ta' San Ġorġ, il-kleru tal-parroċċi u l-komunitajiet reliġjużi tal-Belt Victoria. Wara, inżammet purċissjoni bis-Santissmu Sagrament mill-Bażilika Ġorġjana, bis-sehem tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Grizma tal-Isqof, għall-Katidral fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika.

**» 3 ta' Ġunju**

Bdiet il-ġabra bieb bieb b'risq il-Festa interna ta' San Ġorġ.

**» 7 ta' Ġunju**

**Filgħaxija:** Inżamm festin għall-istudenti li rċivew il-Griżma tal-Isqof, fit-23four Hub.

**» 12 ta' Ġunju**

**08.00pm:** Ingħata bidu għat-22 Edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival b'kunċert mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta, il-Kor Laudate Pueri u s-Symphonischer Chor Hamburg fit-Teatru Astra. Dawn il-kunċerti baqgħu jsiru kuljum fil-Bażilika, fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia kif ukoll f'diversi postijiet, knejjes u kappelli fil-Belt Victoria.

**» 16 ta' Ġunju**

**07.00pm:** L-Arċipriet, flimkien ma' sħabu Dun Richard N. Farrugia u Dun Anthony Bajada, iċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr fl-għaxar anniversarju presbiterali tiegħu. Wara qasmu kejk tal-okkażjoni quddiem il-Bażilika.

**» 21 ta' Ġunju**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa u wara pellegrinaġġ parrokkjali mill-Bażilika għas-Santwarju Ta' Pinu bix-xbieha replika tal-Madonna Ta' Pinu li hi meqjuma fil-Bażilika. Fi tmiem

il-pellegrinaġġ, fil-Kappella Ta' Pinu, sar l-Att ta' Affidament tal-Parroċċa ta' San Ġorġ lill-Madonna Ta' Pinu. Dan il-pellegrinaġġ, lejlet il-Festa tas-Sejħa, sar fl-okkażjoni tal-400 sena mill-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu u s-Sena Marjana.



**» 23 ta' Ġunju**
**09.00am:** Ġiet iċċelebrata fil-Bażilika Konċelebrazzjoni Konventwali fis-Solennità ta' Korpus u wara saret purċissjoni żgħira bis-Santissmu Sagrament madwar il-Bażilika.
**» 28 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Inżammet l-inawgurazzjoni uffiċjali tat-tlestija tar-restawr fuq iż-żewġ kwadri laterali tal-Kor, xogħol Francesco V. Zahra, waqt kunċert ta' mużika sagra bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri. Fi tmiem il-kunċert saru diskorsi minn Dr Mark Sagona, konsulent artistiku tal-proġett li tmexxa mill-Assoċjazzjoni Kura tad-Djoċesi ta' Għawdex, ir-restawratriċi Valentina Lupo f'isem id-Ditta Atelier del Restauro, u l-Arċipriet. Fl-aħħar saret l-inawgurazzjoni billi nxtegħlu l-kwadri għall-ewwel darba fil-preżenza ta' dawk preżenti u waqt il-kant tal-innu *Georgius natus est*.
**» 6 ta' Lulju**
**07.00pm:** Ingħata bidu għan-Novena ta' San Ġorġ għall-familji u t-tfal tal-parroċċa, bit-tema *Minn Kwadri Ġorġjani*, u mmexxija mill-Arċipriet. Għal kull jum tan-Novena kienu mistiedna kategoriji differenti tal-parroċċa u saret Kampanja ta' Ġenerożità b'għotjiet għas-Seminarju Maġġuri. Tul il-jiem tan-Novena nżammu bosta attivitajiet ta' divertiment u tagħlim fi Pjazza San Ġorġ.



**» 11 ta' Lulju**
**11.00am:** Il-Kan. Michael J. Galea mexxa quddiesa għal persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu u wara saret ikla għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 14 ta' Lulju**
**11.00am:** Patri Peter Paul Cachia OSA mexxa Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-erbgħin anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, li fiha l-Kor Laudate Pueri żanżan l-innu *Lil San Ġorġ Mimmi t'Għajnejna*, kitba ta' Dun Geoffrey G. Attard u kompożizzjoni ta' George Camilleri.



**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tal-aħħar jum tan-Novena. Fi tmiemha saret ċelebrazzjoni bid-dħul tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ fil-Bażilika. Wara, sar festin kbir fi Pjazza San Ġorġ. Din l-istatwa fl-2019 kienet qed tagħlaq 125 sena mill-wasla tagħha, u l-ġurnata ta' qabel filgħaxija kienet iċ-ċentru ta' Akkademja Mużiko-Letterarja li nżammet mis-Soċjetà Filarmonika La Stella fi Pjazza San Ġorġ.
**» 15 ta' Lulju**
**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert Grandjuż u Finali tat-22 Edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta.
**» 16 ta' Lulju**
**08.00pm:** Inħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa, li ddawret mal-Bażilika fejn wara ġiet imqiegħda taħt it-tieni arkata fin-nava tan-nofs tal-korsija.
**09.00pm:** Patri Marcello Ghirlando OFM mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana, organizzata għaż-żgħażagħ mill-Grupp 23four.
**» 17-19 ta' Lulju**
**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Ġużeppi A. Borg, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u l-Kan. Dr Joseph Zammit, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Dun Anthony Bajada. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. Tonio Galea, Mons. Giovanni Bosco Cremona u l-Kan. Emmanuel Buttigieg, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *maestro di cappella* tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor Laudate Pueri u l-i*Schola Cantorum* tal-Bażilika.
**» 18-19 ta' Lulju**
**09.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni tal-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Ġużeppi Gauci u l-Arċipriet, rispettivament.
**» 20 ta' Lulju**
**09.00am:** Mons. Pawlu Cardona, Vigarju Episkopali għall-Kleru, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-*Te Deum*.
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni tal-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ.
**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.
**09.45pm:** B'inizjattiva tal-Arċipriet, inżammet għall-ewwel darba l-quddiesa tal-Vġili tal-Festa għall-benefiċċju ta' bosta li ma jirnexxilhomx jisimgħu quddiesa nhar il-Festa, u kellha attendenza tajba ħafna.

**» 21 ta' Lulju**

**08.15am:** L-Isqof ippresieda l-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**08.30am:** L-Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Festa. Niseġ l-omelija il-Kan. Dr Jonathan Farrugia. Attenda għall-ewwel darba l-E.T. Dr George Vella, President ta' Malta.

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tieni Għasar



tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina La Stella laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara bdiet ħierġa l-Purċissjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana La Stella, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.

**10.45pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant tal-Antifona u l-Barka Ewkaristika.

**» 23 ta' Lulju**

**07.00pm:** Waqt il-quddiesa nqrat l-aħbar tal-ħatra ta' Dun Simon Mario Cachia, qassis tal-parroċċa, bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana.

**» 26 ta' Lulju**

Wallace Camilleri, żagħżugħ tal-parroċċa u volutnier attiv ħafna fost l-oħrajn fil-Grupp 23four, ġie aċċettat għall-formazzjoni fis-Sena Propedewtika fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

**» 23-28 ta' Lulju**

L-Arċipriet mexxa mawra f'Ruma għall-abbatini u l-ġenituri.

**» 30 ta' Lulju**

Inżamm kors tal-AED għall-operaturi pastorali tal-parroċċa, fid-dawl tal-istallazzjoni ta' *defibrillator* fuq barra tal-Bażilika.



**» 31 ta' Lulju**

**08.00pm:** Saret fiċ-Ċentru Parrokkjali ikla ta' ringrazzjament lill-persuni u l-voluntiera kollha li għenu fi żmien il-Festa.



**» 3-4 ta' Awwissu**

Sar *camping* għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Gruppi 23four f'sit tal-ikkampjar f'Għajn Tuffieħa.

**» 5-9 ta' Awwissu**

L-Arċipriet mexxa Pelleggrinaġġ parrokkjali għal Lourdes.

**» 6 ta' Awwissu**

**09.00am:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

**» 11 ta' Awwissu**

**08.00pm:** Sar *pasta buffet* fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali bħala ġbir ta' fondi għall-parroċċa.

**» 13-27 ta' Awwissu**

L-abbati tal-Bażilika Karl Curmi flimkien ma' grupp ta' abbatini Maltin u Għawdex tela' jagħti servizz bħala abbati fil-Belt tal-Vatikan.

**» 14 ta' Awwissu**

**06.00pm:** L-E.T. Mons. Giovanni Cefai MSSP, Isqof tal-Prelatura Territorjali l-ġdida ta' Santiago Apóstol de Huancané, fil-Perù, mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika, fl-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex bħala isqof. Inġabret is-somma ta' €4,900 għall-missjoni tiegħu.



**» 22-30 ta' Awwissu**

Sar pellegrinaġġ parrokkjali fl-Art Imqaddsa mmexxi mill-Arċipriet u minn Patri Marcello Ghirlando OFM, fejn il-pellegrini żaru bosta postijiet marbuta mal-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u mal-Patrun tagħna San Ġorġ.

**» 31 ta' Awwissu**

Ġie organizzat barbikju fuq il-Ponta ta' Santa Marija, Marsalforn, għat-tfal tal-Form 1 li rċivew il-Griżma tal-Isqof.

# FESTA SAN ĠORĠ 2019

Il-Festa ta' San Ġorġ din is-sena wkoll kienet esperjenza sabiħa ta' komunità li temmen u tiċċelebra, imdawla mill-qaddis Patrun tagħha u tal-Għawdxin. It-tħejjija bdiet minn kmieni bil-quddies tal-Ħamisijiet fit-8.00pm, u kompliet tul in-Novena festiva, it-Tridu bir-riflessjonijiet ta' Dun Anthony Bajada, u l-Pontifikal tal-Festa bl-omelija solenni mill-Kan. Dr Jonathan Farrugia. L-istatwa titulari żżejnet kull naħa tagħha b'żewġ linef sbieħ antiki tal-kristall li ġew irrestawrati u miżjuda bi ħġieġ mill-Boemja. Fil-jiem tal-Festa wkoll tnieda l-wiċċ ġdid tal-Websajt Parrokkjali.



*ritratt: Emma Parnis*



## KAPPILLAN ĠDID ĠORĠJAN

Dun Simon M. Cachia, saċerdot żagħżugħ mill-parroċċa tagħna, nhar il-Ħadd 23 ta' Lulju 2019 irċieva n-nomina bħala l-ħdax-il Kappillan tal-Fontana.
*Rapport dettaljat dwar il-Pussess tiegħu fil-ħarġa li jmiss.*

## KARTOLINA TAL-KULUR

Waħda mill-ewwel kartolini tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ li ġew stampati bil-kulur u li tinsab ippreservata fl-Arkivju tal-Bażilika.
*Aqra l-artiklu sħiħ f'paġni 8-9.*

